Vol 39
Nru 199
Jannar - Marzu 2018

# L-ART Imqaddsa

RIVISTA BIBLIKA



L-ART IMQADDSA

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija

EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju
tal-Art Imqaddsa

BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha

DISTRIBUZZJONI:
Fra. Lorrie Zerafa OFM

ABBONAMENT:
€10 fis-sena
€15 jew aktar Sostenitur

Kummissarjat
tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta.
Tel: 2124 2254

DISINN U STAMPAR:
Best Print Co. Ltd

Il-Materjal kollu li jidher
f'din ir-Rivista
huwa Copyright ©
tal-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa u l-Edizzjoni
TAU, 2018

comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

Qoxra Quddiem:
*Knisja ta' San Salvatur*
*Ġerusalemm*

# Werrej



6



17



23

# Editorjal

ta' Patri Twanny Chircop ofm



28




6 Malta u l-Maltin fir-Reġistri tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa

17 Ġesù Kristu fis-Salmi

23 Ir-Rabta bejn l-aħħar ċena, is-salib u l-qawmien

28 L-Eżorċiżmi ta' Ġesù fil-Vanġelu skont San Mark (1)

34 Ir-Rabta tal-Missier u l-Iben fl-Evanġelju skont San Ġwann

41 Il-Mixja ta' Ġesù nhar Ħamis ix-Xirka




34

## Niddefendu l-Art Imqaddsa

L-Art Imqaddsa hi l-mimmi tal-għajnejn ta' kull nisrani. Min imur l-Art Imqaddsa bħala pellegrin imur, l-ewwel u qabel kollox, biex jagħmel mixja ta' fidi u jitlob fl-istess postijiet li fihom għex Sidna Ġesù Kristu. Fl-Art Imqaddsa l-pellegrin jiskopri l-valur storiku u spiritwali tal-Kelma ta' Alla, fl-istess art li fiha twieldet u ġiet miktuba u ppriedkata din il-Kelma ta' salvazzjoni.

Din hi verità importanti li kull nisrani jrid jiddefendi. Matul is-sekli, u matul l-istorja mqallba tagħha, l-Art Imqaddsa għaddiet minn diversi sitwazzjonijiet diffiċli li fihom l-insara ġew imkeċċijin mill-Postijiet Qaddisa, u li fihom kellhom jgħaddu minn persekuzzjonijiet u martirju. Il-Patrijiet Franġiskani, li ilhom preżenti 800 sena fl-Art ta' Ġesù, għamlu esperjenza twila ta' dan kollu, u baqgħu sodi biex jiddefendu din l-Art li hi Art Kristjana.

Veru li l-Art Imqaddsa jgħixu fiha popli li mhumiex insara. Għal sekli u millenji hi l-Art tal-poplu Lhudi, il-poplu li Alla għażlu bħala l-poplu tiegħu. Lil Abraham Alla wiegħdu li jagħtih l-Art ta' Kangħan, lil Mosè għażlu biex jeħles lill-poplu ta' Israel mill-jasar tal-Eġittu u jidħol fl-Art Imwiegħda u biex josserva l-Liġi u l-Kmandamenti, lil David wiegħdu li minn nislu kellu jitwieled il-Messija.

Ġesù ta' Nazaret twieled fi ħdan il-poplu Lhudi. Hu wassal l-Evanġelju lill-poplu tiegħu, imma kien ukoll il-Feddej tal-bnedmin kollha. Bil-predikazzjoni tal-



*...editorjal*

*Niddefendu L-Art Imqaddsa*

Appostli, wara l-inżul tal-Ispirtu s-Santu nhar Għid il-Ħamsin, u speċjalment bil-ħidma missjunarja tal-Appostlu Pawlu, l-Evanġelju xtered mad-dinja kollha. Imma l-komunità tal-Knisja tal-bidu f'Ġerusalemm baqgħet dejjem preżenti bħala l-Knisja-Omm, li ħarset il-fidi nisranija f'din l-Art, li għalhekk hi wkoll Art Kristjana.

Mis-sena 638 l-Art Imqaddsa rat ukoll il-miġja tar-reliġjon Islamika, li temmen f'Alla ta' Abraham bħala Alla wieħed, u tqis lil Ġesù bħala wieħed mill-profeti, u tibni l-fidi tagħha fuq il-Koran, meqjus bħala skrittura qaddisa, miktuba mill-fundatur Muħammed, li r-reliġjon Islamika tqimu bħala profeta.

Bejn dawn it-tliet reliġjonijiet, matul is-sekli dejjem kien hemm mumenti ta' konvivenza paċifika, imma wkoll mumenti ta' tensjoni, gwerer u tixrid ta' dmija.

Illum il-ġurnata l-Art Imqaddsa hi reġjun li fih twieldu diversi stati moderni, li lkoll iżommu r-reliġjon tagħhom bħala bażi tal-liġijiet u tal-istruttura politika u soċjali tagħhom. Dan jidher ċar, anke jekk dawn il-pajjiżi jilqgħu valuri demokratiċi tal-punent (Stat ta' Israel) jew inkella għandhom rispett lejn pluraliżmu ta' espressjoni reliġjuża (Palestina, Ġordanja, Sirja, Libanu, Eġittu), min aktar u min anqas. L-insara huma preżenti f'dawn il-pajjiżi kollha, għalkemm huma normalment minoranza. Ukoll jekk igawdu minn ħarsien ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem, imma mhux l-ewwel darba li jsibu ruħhom diskriminati fuq bażi reliġjuża.

L-istess insara huma normalment protetti mill-istrutturi ekkleżjastiċi preżenti fl-Art Imqaddsa (il-Knejjes Insara ta' diversi denominazzjonijiet), u speċjalment mill-Knisja Kattolika (Latina jew Melkita jew Maronita), mill-Knisja Griega Ortodossa, u minn knejjes oħrajn (Armena, Kopta, Sirjaka, Etjopika, Russa, Anglikana, Luterana).

Il-pellegrini insara li jiġu fl-Art Imqaddsa għandhom ikollhom sensibilità lejn il-bżonnijiet u l-qagħda ta' dawn l-insara. Ċertament wieħed mill-modi kif huma jgħinu lill-insara fl-Art Imqaddsa hu billi jiġu jżuru l-Postijiet Qaddisa, biex jitolbu għall-paċi u jgħinu materjalment lil ħuthom insara li jgħixu hawnhekk.

Sfortunatament, illum il-ġurnata, dawn il-pajjiżi tal-Lvant Nofsani qed jibnu infrastruttura tajba biex itejbu l-ekonomija tagħhom permezz tat-turiżmu tal-massa, l-istess kif qed jiġri f'pajjiżna. Dawn l-isforzi jidhru pożittivi mil-lat politiku u ekonomiku, imma mhux mil-lat reliġjuż.

Għaliex? Għax fejn qabel fl-Art Imqaddsa kienu jiġu pellegrini insara bi skop purament reliġjuż, issa s-Santwarji qed jilqgħu ukoll eluf ta' turisti li jiġu bi skop ta' vjaġġar u interess storiku, kulturali, politiku, li ftit jagħti spazju lill-aspett reliġjuż.

Is-Santwarji tal-Fidwa qatt ma nbnew biex jilqgħu fihom eluf ta' viżitaturi. Fl-imgħoddi, min kellu x-xorti jasal fl-Art Imqaddsa, kien isib ambjent ta' skiet u talb fil-Postijiet Qaddisa. Illum il-folja nqalbet. Eluf ta' viżitaturi, turisti u pellegrini, jidħlu fis-Santwarji mhux biex jitolbu, imma biex jieħdu eluf ta' ritratti bi smartphones u cameras. Min jidħol biex jitlob fis-skiet jibqa' kemmxejn deluż. Ma hemmx interess min-naħa tal-awtoritajiet ċivili biex issir distinzjoni bejn pellegrini u turisti, u l-istess Knejjes donnhom ma jafux x'jaqbdu jagħmlu, billi s-Santwarji huma miftuħin għal kulħadd.

Il-kapijiet reliġjużi dejjem iddefendew id-dritt ta' kull persuna li tidħol fis-Santwarji tal-Fidwa, għalkemm jafu bid-diffikultajiet prattiċi li jiltaqgħu magħhom dawk li huma l-kustodji tal-istess postijiet, fosthom il-Patrijiet Franġiskani. Il-kummenti ta' kapijiet politiċi, li bir-rispett kollu ma jifhmu xejn dwar l-Art Imqaddsa, ikomplu jikkomplikaw is-sitwazzjoni, għax filwaqt li huma jitkellmu minn konvivenza paċifika u dritt li Lhud, Insara u Musulmani jitolbu f'Ġerusalemm u l-Art Imqaddsa, huma nfushom ħolqu sitwazzjoni ta' inġustizzja li fiha, per eżempju, il-Belt ta' Ġerusalemm hi rikonoxxuta bħala entità politika unika tal-Istat ta' Israel. Dan ifisser li l-awtoritajiet ċivili lokali jeżerċitaw pressjoni anke fuq il-Knejjes rigward il-mod kif dawn għandhom jaqdu l-missjoni tagħhom. L-aħħar żvilupp hu l-insistenza tal-muniċipju ta' Ġerusalemm li jiġi abolit il-privileġġ tal-Knejjes li ma jħallsux taxxi fuq proprjetà mhix meqjusa sagra (per eżempju l-Case Nove tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa), fejn jiġu milqugħin eluf ta' pellegrini. Jingħad li dawn huma attivitajiet kummerċjali u għalhekk taxxabbli, mingħajr l-ebda sensibilità lejn il-kontribut tal-Knejjes (bħalma hu l-Patrijarkat Latin u l-Kustodja tal-Art Imqaddsa) li joffru impjiegi għal mijiet ta' ħaddiema u jiġbdu lejn Israel u l-Palestina eluf ta' pellegrini li jonfqu flus bħat-turisti l-oħrajn.

Din il-qagħda tkompli tikkonvinċina dwar il-bżonn li niddefendu l-Art Imqaddsa bħala Art Kristjana. Tajjeb li l-pellegrini jkunu konxji minn dawn il-problemi ta' persekuzzjoni ġdida u fina li llum qed jaffaċċjaw il-Franġiskani tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa.



# MALTA U L-MALTIN FIR-REĠISTRI TAL-KUSTODJA TAL-ART IMQADDSA

***Horatio Caesar Roger Vella***
*Professur tal-Latin u tal-Grieg fl-Università ta' Malta u Għawdex*

Xi snin ilu jien u t-tifel morna pellegrinaġġ lejn l-Art Imqaddsa. Kellna bħala mexxej spiritwali u gwida lil Patri Noel Muscat li dak iż-żmien kien Surmast tal-istudenti Franġiskani fis-seminarju tagħhom f'San Salvatur f'Ġerusalemm, kif ukoll Professur tagħhom. Tiskanta x'impressjoni tista' tieħu tal-gwida, imma l-atteġġjament u d-dedikazzjoni tiegħu ispirawni biex noffri s-servizzi tiegħi bħala Professur tal-Latin u tal-Grieg lill-Kustodja tal-Art

Imqaddsa. L-opportunità ġiet meta offrewli li naħdem b'mod voluntarju fl-Arkivju li hemm f'San Salvatur, proprju bieb 'il hemm mill-uffiċċju tal-Kustodju. Xogħoli kien li għal 40 jum nittraskrivi l-ewwel reġistru tal-Franġiskani fl-Art Imqaddsa li jissejjaħ "Ordinazzjonijiet", jiġifieri, ordnijiet li l-Kustodji kienu jagħtu, u affarijiet oħra. Wara din l-esperjenza, jiena bqajt immur hemm kull sajf, u ġa ttraskrivejt tliet reġistri ħoxnin, kull wieħed fi tliet ġimgħat. Dan ix-xogħol ma nemminx li kien seta' jsir mingħajr l-għajnuna spiritwali ta' kuljum li kont nirċievi fis-Santu Sepulkru fil-quddiesa kantata tal-Franġiskani.

Dawn ir-reġistri tal-Art Imqaddsa jittrattaw fuq dak kollu li kien iseħħ fl-Art Imqaddsa mifruxa mill-Gżira ta' Rodi , Ċipru u s-Sirja sal-Eġittu u l-Ġordanja. Huma miktubin minn Segretarji tad-Diskretorji, jew Kunsilli tal-Kustodji, għall-użu intern biss. Għalhekk il-pubblikazzjoni tal-kontenut tagħhom tista' tkun biss limitata peress li jingħadu xi affarijiet li ma jikkonċernaw lil ħadd ħlief lill-Familja Franġiskana. Huma rakkonti ta' ħatriet ta' patrijiet fid-diversi kunventi u ospizji minn sena għall-oħra, ta' amministrazzjoni minn Kustodju għall-ieħor, ta' rakkommandazzjonijiet mill-istess Kustodji lil ħutu l-patrijiet, ta' rakkonti ta' problemi li kienu jseħħu ġejjin mill-ħakma Torka fuq l-Art Imqaddsa, u minn Patrijiet ta' Reliġjonijiet oħra, jiġifieri, Ortodossi u Armeni, li magħhom kienu jaqsmu l-ħarsien tal-postijiet sagri. Jissemmew ukoll avvenimenti ta' serq kemm mill-Baxajiet Torok u kemm minn individwi, nawfraġji u aċċidenti oħra.

Dawn ir-Reġistri jibdew mill-1673 bl-ewwel volum, u safejn wasalt jien jispiċċaw fl-1762, medda ta' kważi mitt sena, b'mijiet ta' paġni miktubin bil-Latin u bit-Taljan, imma ġieli wkoll bil-Franċiż u l-Ispanjol.

Il-kalligrafija mhix dejjem faċli, imma grazzi għall-esperjenza li ksibt tul is-snin ta' qabel, kont kapaċi nittraskrivi kull volum mingħajr ma nħares lejn il-kompjuter u nikkoreġġih fi tliet ġimgħat.

Minkejja li ma nistax niżvela kollox, speċjalment dawk l-affarijiet kunfidenzjali, ma hemm xejn ħażin li nittratta fuq affarijiet storiċi li jittrattaw lil Malta. Dan qed ngħidu għaliex 'il quddiem żgur se jmur xi ħadd jistudja l-pubblikazzjoni ta' dax-xogħol li qed nagħmel jien u jirreferi għalihom. Għalhekk inħoss li jien għandi nantiċipah almenu



*Karekin II Isqof Armen*



*Saċerdoti Griegi Ortodossi*

f'dak li jikkonċerna lil Malta. Barra minn hekk, barra xi eċċezzjoni, kull meta tissemma Malta ma tinsab ebda kunfidenzjalità. L-eċċezzjoni tista' titħalla barra.

**L-ewwel volum**, kif għidna, jibda fl-1673, u jispiċċa fl-1735. L-okkorrenzi li fihom tissemma Malta jew Maltin huwa ftit tabilħaqq.

L-ewwel riferenza għal Malta f'dan il-volum hi għall-**Kummissarju ta' Malta** li ismu mhux mogħti (f.51), imma li mid-dokumenti tal-Kummissarjat ta' Malta naf li kien jismu **Patri Alfons Muscat**. Dawn il-Kummissarji kienu jirrappreżentaw lill-Art Imqaddsa fil-pajjiżi kollha tad-dinja, u kienu responsabbli għal min kien imur fl-Art Imqaddsa u kif iġib ruħu. Il-Kustodju tal-Art Imqaddsa ta' dak iż-żmien, Fra Teofilo Testa minn Nola, kien qed jikteb lil Patri Tomaso minn Caltagirone f'Ruma fis-6 ta' Settembru, 1672, fejn kien qed jilmenta fuq bosta affarijiet, imma wkoll fuq l-abbuż li wieħed jislef l-abitu lil sekulari jew reliġjużi ta' Ordnijiet oħra. Hekk għamlu darba xi Kummissarji, inkluż dan ta' Malta li sellef l-abitu lil wieħed Patri Konventwali. Dan l-aġir kien dak iż-żmien ikkunsidrat bħala gravi ħafna, tant li kien każ ta' skomunika mogħtija mill-istess Kustodju. Fuq l-istess suġġett kiteb dan il-Kustodju fis-26 ta' Settembru, 1672 (f.58), imma din id-darba lill-Ministru Ġenerali fi Spanja fejn semma l-istess każ, u li Patri Konventwali qagħad fl-Art Imqaddsa għal tliet xhur a spejjeż tal-Franġiskani Minuri.

It-tieni darba li jissemma Malti f'dan l-ewwel volum ukoll ma jissemmiex fit-tajjeb (f.219). Dan seħħ fl-24 ta' Frar, 1681, fejn fil-laqgħa li saret f'Ġerusalemm fis-Diskretorju mal-Kustodju, Patri Pietru Marinu Sormanno minn Milan, ġie ddikjarat li żewġ Patrijiet, wieħed minnhom **Patri Ċesare** minn Malta, naqsu f'xi affarijiet li ma jistgħux jissemmew hawn (f.219). F'dak iż-żmien, il-patrijiet kienu riferuti mhux b'kunjomhom, imma minn fejn kienu, waqt li l-ewwel isem tagħhom kien mogħti lilhom mill-Ordni.

Fl-10 ta' Marzu, 1683, il-Kustodju l-ġdid tal-Art Imqaddsa, Patri Pietru

Antonju Grasso, bagħat f'Nazaret lil **Patri Arkanġlu**, minn Malta, biex joqgħod għal xi żmien fid-dar ta' hemm biex jara l-bżonnijiet tagħha (f.240). Wara kellu jitlaq lejn Sajda qrib is-Sidon fejn kellu jiltaqa' mal-Konslu biex jitolbu l-permessi biex isir ir-restawr fuq dik id-dar ta' Nazaret. Dan ifisser li Patri Arkanġlu kien qiegħed Ġerusalemm u li kien qed jintbagħat bħala ambaxxatur intermedjarju bejn Nazaret u l-Konslu residenti f'Sajda. Ma' Patri Arkanġlu, il-Kustodju bagħat ittra ta' awtorizzazzjoni.

Fl-1 ta' Ġunju, 1683, l-istess **Patri Arkanġlu**, minn Malta, ġie elett bħala Gwardjan tal-Kunvent ta' Nazaret mid-Diskretorju li ltaqa' f'San Salvatur f'Ġesusalemm (f.247).

Fl-1689 kien hemm fid-Diskretorju ta' San Salvatur f'Ġerusalemm **Patri Wistin** minn Malta, u dan, flimkien ma' Patrijiet Diskretorji oħra, wara t-2 ta' April ta' dik is-sena, għamel stqarrija tal-pussess li għamel il-Kustodju l-ġdid ta' Ġerusalemm, Patri Gregorio minn Parghelia, hekk kif daħal fil-Kunvent ta' San Salvatur (ff.289-289 *bis*). Din l-istqarrija tgħid li dan il-Patri, flimkien ma' disa' Patrijiet oħra, fosthom is-Segretarju tiegħu, wasal f'Lixandra. Wara tletin jum, mar Rossetu fl-Eġittu minn fejn ħa ġifen lejn Akri, iżda l-ġifen għereq u mietu tnejn mill-Patrijiet, is-Segretarju u Fra. Il-Kustodju Elett u s-seba' Patrijiet li baqgħu ħajjin għamu lejn l-art u salvaw wara ħafna tbatija. B'hekk intilfu flus, oġġetti prezzjużi li kellhom isebbħu l-Qabar ta' Kristu, kalċi u kitba importanti. Minkejja li rnexxielhom jaslu l-art, xorta sabu Għarab u ribelli tal-għelieqi min jisraqhom fit-triq. Din ma kinitx l-unika storja ta' nawfraġju ta' dawn il-patrijiet, u ta' serq fuq persunthom mill-ħallelin. Wieħed hawn jara s-sogru li dawn il-patrijiet għaddew minnu f'dawn it-800 sena ta' Missjoni fl-Art Imqaddsa, li f'Ottubru li għadda ġie ċċelebrat iċ-ċentinarju.

L-istess **Patri Arkanġlu** msemmi fuq, li kien intbagħat Nazaret u Sajda bħala ambaxxatur, nafu li kien Professur tal-Għarbi. Dan seta' jfisser li kien jgħallem l-Għarbi lil dawk il-Patrijiet li kellhom il-missjoni li jieħdu ħsieb l-Insara Għarab fl-Art Imqaddsa. Fil-fatt, fil-21 ta' April, 1692, Patri Arkanġlu, flimkien ma' Patri Professur tal-Għarbi ieħor, bagħat ittra lill-Kustodju f'Ġerusalemm (f.297) fejn qallu li f'Betlem

*Betlem*



u f'Ġerusalemm Kappillan ma setax ilaħħaq mal-parruċċani tiegħu li kienu dejjem jiżdiedu fin-numru, u għalhekk talab li jintbagħat Viċi-Kappillan f'kull post imsemmi biex jgħinu u biex il-Kappillan ikun eżenti mix-xogħol tal-Ebdomadarju, dak li kien jieħu ħsieb ir-*roster* tal-liturġija f'kull ġimgħa.

Barra minn Patri Wistin imsemmi fuq, kien hemm patri ieħor Malti fid-Diskretorju tal-Kustodju f'Ġerusalemm, u dan kien **Patri Illuminat**. Fl-10 ta' Novembru, 1696, dan il-Patri flimkien ma' sħabu Patrijiet Diskreti ħarġu digriet li kien jgħid li l-Kustodja ma setgħetx twettaq ix-xewqa tal-Konslu tal-Kajr li tinxtara dar f'Damjata fl-Eġittu (ff.313-314). Dan għaliex dan ix-xiri kien jitlob ħafna spejjeż imma, iktar minn hekk, għaliex setgħu jsibu xkiel minn xi Baxà, li kien ambaxxatur tas-Sultan f'Kostantinopli, li sikwit dawn il-Baxajiet kienu jabbużaw mill-patrijiet billi jitolbuhom wisq flus bħala dovuti lejhom jew b'rigal biex iħalluhom fil-paċi sa ma jerġgħu jiġu fuq il-post xi sena wara. Biex jaċċettaw li jixtru d-dar kellhom bżonn garanzija minn Kostantinopli minn fejn kien joħroġ firman miktub bit-Tork li jgħid li ħadd ma seta' ifixkel lill-Patrijiet milli jipposjedu dik id-dar. Fl-Arkivju fejn naħdem jien jinsabu bosta firmani li huma ta' valur kbir għall-istorja tal-Art Imqaddsa, u li huma wkoll ta' daqs kbir. Peress li ma kienx hemm provdut dan il-firman, Patri Wistin, flimkien mal-Kustodja u l-Patrijiet Diskreti, ma aċċettawx li jixtru dik id-dar f'Damjata fl-Eġittu. Dan l-istess Patri Illuminat jerġa' jiffirma digriet ieħor fit-12 ta' Novembru, 1696, jiġifieri, jumejn wara, li jikkonferma li l-Patrijiet Franġiskani ma kinux se jixtru d-dar f'Damjata (f.314); iżda din id-darba dan il-Patri minn Malta jġib l-isem ta' Patri Illuminat ta' San Ġorġ. Din l-għażla tad-Diskretorju ta' Ġerusalemm saret fuq il-parir tal-Viċi-Prefett tal-Kunvent tal-Kajr fl-Eġittu li ma kien ħadd ħlief l-istess **Patri Arkanġlu** minn Malta. Naraw, mela, kemm kien importanti dan il-patri tal-aħħar, forsi minħabba

*Il-Bażilika tas-Santu Sepulkru Ġerusalemm*





*Bażilika tal-Annunzazzjoni Nazaret*

l-abbiltà tiegħu fl-ilsien Għarbi.

Patri ieħor Malti fid-Diskretorju tal-Kustodju kien **Patri Franġisku Marija**. Dan jidher qiegħed jivvota fit-22 ta' Frar tal-1700 favur il-proposta tal-kommunità ta' Nazaret li tikri razzett f'Nazaret - *pigliare in affitto la Villa* - għall-ikbar sigurtà u kwiet tal-patrijiet t'hemm (f.332). Il-Kustodju tal-Art Imqaddsa ta' dik is-sena kien Patri Stiefnu minn Napli, elett is-sena ta' qabel.

F'dan l-ewwel volum, mela, jissemmew ħames patrijiet Maltin: Patri Ċesare, Patri Arkanġlu, Patri Wistin, Patri Illuminat u Patri Franġisku Marija.

Fit-**tieni volum**, li l-perjodu tiegħu jibda fl-1728 u jispiċċa fl-1742, insibu li fl-10 ta' Ġunju, 1732, il-Kustodju ta' dak iż-żmien, Patri Andrea minn Montoro, kien kiteb lill-Kongregazzjoni Sagra tal-Propaganda tal-Fidi mmexxija mill-Kardinali dwar l-inċident li kien inqala' f'Aleppo minn żewġ kursari Nsara meta għamlu danni fuq il-knisja tal-patrijiet missjunarji Franġiskani, issa mbarrata mill-Baxà sakemm jitħallsu l-ispejjeż (f.218). Kiteb ukoll lill-Konsli f'Firenze u f'**Malta** biex iwissu lill-kursari ma jersqux iktar minn 50 mil mill-kosta tas-Sirja, biex ma jiltaqgħux mar-rabja tat-Torok fuq dak li kien ġara. Dan l-avveniment jirreferi għal Malta meta kienet taħt l-Ordni ta' San Ġwann, li kemm minnu u kemm minn fost il-Maltin kienu joħorġu mill-portijiet ta' Malta bosta kursari għall-għejxien u l-kummerċ tagħhom. Jidher minn din l-ittra li l-iktar ċentri importanti tal-kursari kienu Firenze u Malta.

**Malta** kellha tissemma wkoll bħala destinazzjoni ta' ġifen misjuq mill-Kaptan Franċiż Antoine Ghigo biex iwassal hemm lil Patri Paskal, li kien Kummissarju tal-Art Imqaddsa f'Napli, u sħabu mill-Provinċja ta' Napli. Dan nafuh minn ittra li kien kiteb Patri Ernio minn Berinzona, Gwardjan f'Akri, fl-14 ta' Ottubru, 1732, lill-Kustodju f'Ġerusalemm, Patri Andrea minn Montoro, fuq affarijiet oħra (ff.243-244). Wieħed jassumi li l-ġifen kellu jmur Malta minħabba kummerċ ieħor,



*Nazaret*

u għalhekk il-Kaptan, li hu hawn deskritt bħala wieħed li jħobb l-Ordni Franġiskan, seta' jgħabbi dawn il-patrijiet. Minn Malta, Fra Paskal u sħabu kellhom jieħdu ġifen ieħor lejn Napli. Il-patrijiet li kienu jmorru l-Art Imqaddsa kienu ġeneralment idumu tliet snin; oħrajn kienu jibqgħu hemm sa għomorhom. Minn dan ir-rakkont wieħed jikkonferma li l-kunjom Malti "Ghigo", li nfirex l-aktar fl-Imqabba, huwa ta' oriġini Franċiża.

**Malta** wkoll kellha tkun waħda minn tliet destinazzjonijiet għal ġifen ieħor li kellu jwassal lil Patri Giuseppe da Fossano minn Turin skont ir-rotta li kaptan kien se jinzerta jieħu mil-Lixandra. Id-destinazzjonijiet alternattivi kienu Livorno u Marsilja. Il-Kaptan kellu wkoll jagħti ittra lill-Kummissarju tal-Art Imqaddsa skont fejn kien se jasal il-ġifen, u fil-każ ta' Malta, dan il-Kummissarju kien fil-Kunvent ta' Santa Marija ta' Ġesù, mhux speċifikat jekk kienx dak tar-Rabat jew tal-Belt Valletta. Dan nafuh minn ittra li l-Kustodju tal-Art Imqaddsa, li dak iż-żmien kien Patri Illuminat ta' Lixandra, kiteb lill-President tal-Ospizju f'Lixandra, Patri Nicolò ta' Napli (f.359) fil-15 ta' Lulju, 1740, u lill-President suċċessur tiegħu, Patri Giovanni Felice del Mondovi fl-istess data (ff.359-360), u lill-Konslu Ġenerali tal-Kajr fit-12 ta' Lulju, 1740, biex jintermedja fl-istess każ (ff.362-363), u kif kiteb lil kull wieħed mit-tliet Kummissarji tal-Art Imqaddsa fid-19 ta' Lulju, 1740 (ff.363-364). Id-deportazzjoni ta' Patri Giuseppe saret għal raġunijiet li huma kunfidenzjali.

Fl-aħħar nett, Malta tissemma għall-aħħar darba f'dan il-volum f'ittra li l-istess Kustodju tal-Art Imqaddsa, Patri Illuminat ta' Lixandra, kiteb lil wieħed kursar Franċiż li daħal fil-Port ta' Ġaffa bil-bandiera ta' **Malta** fid-19 ta' Awwissu, 1740 (f.365). Dan kien ta' periklu kbir għall-Art Imqaddsa peress li, kawża ta' okkażżjonijiet preċedenti fejn kursari ħarbtu bliet taħt il-ħakma ta' Kostantinopli, it-Torok kienu qed jirrabjaw għall-Franġiskani u jhedduhom li joqtluhom jekk kursari oħra jerġgħu jiġu fl-Art Imqaddsa. Minħabba din il-gravità, dawn il-kursari setgħu jiġu skomunikati. Għalhekk, dan il-Kustodju talab lil dan il-kursar sabiex isalpa minn Ġaffa minnufih qabel ma

jikteb lill-Patrun tiegħu biex issir ġustizzja.

B'hekk wieħed jara li, għalkemm ma jissemma ebda Malti f'dan it-tieni volum, Malta tissemma bħala ċentru ta' navigazzjoni.

Fit-**tielet volum** terġa' tissemma Malta peress li l-Kustodja kienet għaddejja minn żmien diffiċli finanzjarjament u ħasbet li, fit-22 ta' April, 1748, tibgħat Reliġjuż idoneju u kapaċi biex jitlob lill-**Gran Mastru tal-Ordni tal-Kavallieri ta' Malta**, li dak iż-żmien kien Fra Emanuel Pinto de Fonçeca, jgħinhom (ff.12-13).

F'Lulju tal-1751, **Patri Rajmundu**, Missjunarju Appostoliku minn Malta, ġie elett bħala President tal-Ospizju fi Tripoli ġewwa s-Sirja (f.25). Sena wara, jiġifieri f'Lulju, 1752, l-istess **Patri Rajmundu** ntbagħat bħala President tal-Ospizju f'Harissa, waqt li postu fi Tripoli tas-Sirja ħadu Malti ieħor, **Patri Ċesare** (f.110). Fix-xahar ta' Ottubru tal-istess sena, **Patri Indrì minn Valletta** nħatar bħala President tal-Ospizju ta' Skanderona jew Alexandretta, iżda dan talab li ma jintbagħatx peress li kien marid u mgħobbi bl-età. Id-Diskretorju aċċetta din ir-renunzja wara li għamel l-indaġini tiegħu (ff.47-48). Tajjeb li wieħed jgħid hawn li fil-każ ta' Patri Indrì tissemma l-Provinċja ta' Valle di Noto li Malta kienet għadha tagħmel parti minnha.

F'Ġunju tal-1753, **il-Gran Mastru ta' Malta** jerġa' jissemma meta Patri Ġlormu tal-Martri talbu għall-għajnuna meta wasal Ruma mill-Art Imqaddsa (f.164). F'Awwissu tal-istess sena nħatar President tal-Ospizju ta' Harissa **Patri Silvestru** minn Malta (f.170). Fit-18 ta' April tas-sena ta' wara, l-istess **Patri Ċesare** minn Malta inħatar President tal-Ospizju ta' Harissa (f.223). Jidher għalhekk li l-Kustodja hawn kellha għajnejha mitfugħa fuq il-Maltin fil-każ tas-Sirja: jista' jkun li l-abbiltà tal-Maltin li jitkellmu bl-Għarbi għenitha f'din l-għażla.

L-istess **Patri Indrì minn Valletta** nħatar membru tad-Diskretorju tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa f'Ġerusalemm. Huwa nħatar biex jieħu post Taljan li kien irrinunzja l-pożizzjoni tiegħu. Għalhekk, Patri Indrì kellu jimla l-vojt sakemm it-terminu tal-predeċessur tiegħu jkun għadda. Din il-ħatra għalhekk kienet tissejjaħ "interina", jiġifieri, tal-bqija taż-żmien. Tajjeb li wieħed ifiehem hawn li dak iż-żmien l-għażliet kienu jaqgħu skont il-pajjiż. Għalhekk, Patri Taljan kellu joħodlu postu Taljan ieħor. Fil-każ ta' Patri Indrì, peress li Malta kienet tagħmel mal-Provinċja ta' Valle di Noto fi Sqallija, huwa kien jagħmel mal-Italja. Il-patrijiet li ħadu din id-deċiżjoni fl-24 ta' Lulju, 1754, żammew id-dritt li ma jaċċettawx renunzja mill-Patri Malti f'din il-ħatra, fejn hu ntgħażel minn fost tliet kandidati, għaliex il-perjodu li fih kellu joqgħod fid-Diskretorju kien wieħed qasir (f.229). Għalhekk, fil-31

ta' Lulju tas-sena ta' wara, lil Patri Indrì nsibuh għadu fid-Diskretorju jivvota għal persuna minn tlieta nominati biex imexxu l-Art Imqaddsa "interinament" sakemm jinħatar Kustodju ġdid fl-assenza tal-qadim, Patri Piju minn Metone, li kellu jmur fi Spanja għall-Kapitlu Ġenerali (f.245). Is-sistema kienet li kull tliet snin kien isir Kapitlu Ġenerali li għalih kien jattendi l-Kustodju tal-Art Imqaddsa, li fl-istess żmien kien jiskadielu ż-żmien bħala Kustodju, waqt li l-Kapitlu Ġenerali kien jaħtar Kustodju ġdid. Hekk ukoll insibuh jiffirma fl-1 ta' Settembru tal-1755 f'ittra li d-Diskretorju tal-Art Imqaddsa kien bagħat lill-Ministru Ġenerali fuq minn xiex kienu għaddejin dik il-ħabta (ff.254-257).

Fit-23 ta' Ottubru, 1755, **Patri Rajmundu**, imsemmi fuq, inħatar Kappillan f'Nazaret biex jimla ż-żmien li kien tbattal mill-predeċessur tiegħu (f.7). Irridu niftakru li l-Kappillani kienu jafu l-Għarbi biex jikkomunikaw mal-Palestinjani Nsara. Fil-21 ta' April tas-sena ta' wara, l-istess **Patri Rajmundu** ntbagħat Kappillan f'Ptolemajde (f.27); iżda fit-30 ta' Awwissu tal-istess sena 1756, l-istess Patri Rajmundu ntbagħat bħala l-President tal-Ospizju f'Harissa fejn kien qabel fl-1752 (f.59), u fid-29 ta' Jannar tas-sena ta' wara, 1757, l-istess **Patri Rajmundu** ntbagħat f'Aleppo fis-Sirja. Dan ifisser li fi żmien sena u tliet xhur mexa tliet darbiet. Dan għaliex fl-ewwel każ kien dam f'Nazaret biex jimla biss il-ftit xhur li kien fadal tal-ħatra tal-predeċessur tiegħu. Fl-istess jum, **Patri Gejtanu**, ukoll minn Malta, ħa post sieħbu fi Ptolemajde. Dan ifisser li sena ma kinitx għaddiet minn mindu Patri Rajmundu ntbagħat hemm, u għalhekk jew kien irriżenja, jew saret deċiżjoni mid-Diskretorju minħabba li kien hemm bżonnu f'Aleppo (f.140). Nafu wkoll li fl-Arkivju tal-Provinċja Maltija tal-Franġiskani Minuri fil-Belt Valletta, li tiegħu qiegħed nagħmel katalgu, hemm dokument ta' folju wieħed

*Daħla għaċ-Ċittadella Aleppo*




*Knisja San Salvatur Ġerusalemm*

(A1793 {numru proviżorju}) miktub bit-Taljan li jittratta fuq inventarju tal-affarijiet li nstabu fil-kamra ta' ċertu Patri Gejtanu li kien miet fil-Kunvent tal-Belt Valletta qabel it-18 ta' Jannar, 1785. Seta' kien l-istess Patri Gejtanu msemmi fuq li forsi kien irritorna f'pajjiżu. Fl-4 ta' Novembru, 1757, imbagħad, **Patri Franġisku Antonju minn Valletta** ntbagħat f'Harissa jibdel lill-President tal-Ospizju t'hemmhekk (ff.191-192).

Fis-Sibt ta' Ħadd il-Palm tas-sena ta' qabel, 1756, il-Patrijiet Franġiskani kienu għadhom kemm iċċelebraw il-liturġija fuq il-Qabar ta' Kristu. Iżda ġara li malli daħlu biex jistrieħu fil-Kunvent f'nofs il-lejl, il-Griegi għamlu frakass mit-tiżjin li kien hemm quddiem is-Santwarju, tiżjin kollu rikkezzi kbar mogħtijin minn Slaten Protetturi tal-Art Imqaddsa. Fost dan il-frakass, inqered gandlier tal-fidda mastizz li kien mogħti mill-**Ordni tal-Kavallieri ta' Malta** (f.153). Fit-23 ta' istess xahar ta' Marzu, il-Griegi għamlu attentat li jaħbtu għall-Patrijiet miġbura fil-Kunvent ta' San Salvatur f'Ġerusalemm stess, imma din ir-rewwixta waqqfet fil-ħin mill-awtoritajiet Torok. Minħabba dan il-periklu kbir li sabu fihom il-Patrjiet Franġiskani, huma kitbu rapport ta' dan kollu lis-Slaten kollha Protetturi, inkluż lill-**Gran Mastru ta' Malta** (f.157), biex jinfurmawhom u jitolbuhom l-għajnuna anke għall-ispejjeż.

Fil-25 ta' April, 1758, il-Konslu Franċiż f'Aleppo, Thomas Aboman, kiteb lill-Kustodju tal-Art Imqaddsa f'Ġerusalemm, li kien Patri Domenico minn Venezja, biex jgħidlu li wara li nefqu l-flus biex jirrestawraw il-Kunvent tal-patrijiet t'hemmhekk, li tiegħu kien Gwardjan l-istess **Patri Rajmundu** minn Malta, l-Agà, il-Kap Tork tar-raħal, għolla l-kera b'ħafna Pjastri, flus ta' dak iż-żmien. Għalhekk il-Komunità ħasbet li titlob permess minn Ġerusalemm biex tibni Kunvent u Knisja ġodda u

b'hekk ikunu qed jiffrankaw il-flus, anke għaliex il-Kunvent il-qadim ma kienx sura li jiġi restawrat (ff.216-218). Jumejn wara, fis-27 ta' April, 1758, kitbu l-Patrijiet tal-Kunvent ta' Aleppo lill-Kustodju f'Ġerusalemm ittra li tikkonferma l-idea tal-Konslu Franċiż, li jkun jaqbel iktar li jibnu Kunvent u Knisja ġodda milli jirrestawraw l-antik. Fost il-firmatarji jidher Malti ieħor li kien ma' Patri Rajmundu, u dan kien **Patri Diodatu minn Malta**. Din l-ittra ssemmi meta l-Patrijiet daħlu hemm l-ewwel darba fl-1644, meta l-ewwel Gwardjan kien proprju Malti ieħor, **Patri Arkanġlu**. Skont dan il-Patri, il-Knisja ta' Aleppo kienet qabel moskea, u kien hemm il-periklu li meta jfettlilhom it-Torok imorru hemm biex jitolbu, kif ġieli għamlu. Kien forsi minħabba dan li l-kera kienet żdiedet ħafna fl-aħħar snin (ff.218-225).

Fl-10 ta' Lulju tal-1758, l-istess **Patri Rajmundu** issa ntbagħat fil-Belt il-ġdida tal-Kajr fl-Eġittu biex jgħallem l-Għarbi (f.238). Il-Kajr kienet maqsuma fil-belt il-qadima u l-belt il-ġdida, u Patri Rajmundu ntbagħat hemm x'aktarx biex jgħallem lil dawk iddestinati li jkunu Kappillani tal-Insara tal-post.

F'Ottubru tal-istess sena wasal ġifen Franċiż f'Kostantinopli bi tletin skjav miġbura minn **Malta** biex jingħataw lis-Sultan b'rigal (ff.255-256). Ir-raġuni li nġieb dan ir-rapport kien li l-ammirall kellem lill-Pro-Viżir, imma mhux fuq affarijiet li l-patrijiet Franġiskani xtaqu li jitkellmu fuqhom, fuq il-bżonnijiet u l-problemi tal-Art Imqaddsa. L-iskjavitù kien għadu għaddej ġmielu fid-dinja ta' dak iż-żmien, u Malta kienet ċentru ta' kummerċ minħabba l-attività tal-kursari. Dawn l-iskjavi setgħu kienu Misilmin, u r-rigal kien qed jingħata biex ikompli jikber ir-rapport tajjeb bejn Kostantinopli u l-Franki, li minn dan ir-rapport tajjeb kienet tiddependi l-ħajja tal-Franġiskani fl-Art Imqaddsa.

L-istess **Patri Rajmundu** ntbagħat bħala President tal-Ospizju f'Harissa fis-26 ta' Settembru, 1761 (f.7). Fit-12 ta' Novembru tal-istess sena, ġie deċiż li **Patri Diodatu** minn Malta jiġi eżentat milli jaqdi d-doveri tiegħu ta' Ebdomadarju. Din l-eżenzjoni ngħatat peress li Patri Diodatu issa kellu 72 sena (f.14).

F'Mejju tal-1762 ġie levat digriet li kien imur lura għall-1756 li fih id-Diskretorju ta' Ġerusalemm kien wera t-tħassib tiegħu dwar proċess finanzjarju li kien sar ftit qabel mill-Prokuratur tal-Art Imqaddsa. Dan id-digriet jikkonċernana peress li huwa ffirmat ukoll mill-istess **Patri Diodatu** minn Malta li għalhekk kien jagħmel parti mid-Diskretorju tal-Kustodja (ff.33-35). Fuq dan Patri Diodatu, meta kien jgħix f'Aleppo fl-1762, inkiteb ħafna lejn għeluq dan it-tielet volum (ff.29-31, u 50-53), iżda l-kontenut ma jistax jinġieb hawn minħabba affarijiet kunfidenzjali.

F'dan it-tielet volum, mela, jissemmew il-Kavallieri ta' Malta u l-gżira tagħna, imma wkoll tmien Patrijiet Maltin: Patri Rajmundu, Patri Ċesare, Patri Indrì, Patri Silvestru, Patri Gejtanu, Patri Franġisku Antonju, Patri Diodatu u, imsemmi b'lura lejn l-1644, fis-snin qabel ma jibda l-ewwel volum, Patri Arkanġlu.



# ĠESÙ KRISTU FIS-SALMI

*Fr Charles Buttigieg*

*"Jien qaddist is-sultan tiegħi, fuq Sijon, l-għolja mqaddsa tiegħi." (Salm 2:6)*

## Is-Salmi

Il-kelma 'salm' ġejja mill-Grieg *psalmos* li tittraduċi l-kelma Ebrajka *mizmor* li tfisser daqq jew għana bid-daqq. Fl-Ebrajk għandna kelma oħra li hija *tehillim* li tfisser 'tifħir'. Il-kelma Griega *psallo* tfisser 'iddoqq strument tal-kordi'. Il-Ktieb tas-Salmi jiġbor fih 150 salm li nkitbu fuq medda ta' elf sena mibdija mis-Sultan David. Huma mqassmin f'ħames kotba mibnija fuq il-ħames kotba tal-Pentatewku: 1-41; 42-72; 73-89; 90-106; 107-150. Hemm salmi ta' tifħir, salmi ta' talb, salmi ta' radd il-ħajr, salmi regali - irjali, salmi sapjenzjali, u salmi profetiċi u liturġiċi. Hemm is-salmi ta' Jahweh, salmi levitiċi, salmi ta' Asaf, ta' ulied Qorah, ta' Heman, ta' Etan, salmi tas-Saltna, salmi tal-fidi, is-salmi Allelujatiċi li jibdew bil-kelma Ebrajka *alleluia*, hemm il-Hallel paskwali, il-Hallel il-Kbir u dak żgħir u s-salmi tat-Telgħat lejn Ġerusalemm. Skont 11 QPs il-materjal marbut mas-Salmi jista' jkun ferm wiesa', fejn il-kompożizzonijiet ta' David jgħoddu ma' erba t'elef! Huma fuq kollox jirriflettu l-ġmiel u s-seħer tal-poeżija Ebrajka. (ara d-dokument tal-Kummissjoni Biblika Pontifiċja: *De auctoribus et de tempero compositionis Psalmorum, autori e tempo di composizione dei Salmi* tal-1 ta' Mejju 1910).



Il-Konċilju Vatikan II fis-*Sacrosanctum Concilium* fin-numru 84 jgħid li s-salmi huma l-leħen tal-għarusa, jiġifieri tal-Knisja, lill-għarus tagħha li hu Kristu. Il-figura ċentrali fis-salmi hu bla dubju Alla għaliex fis-salmi naraw proprju lill-bniedem li jersaq lejn Alla. Kull salm jitkellem minnu b'xi mod jew ieħor, iżda wkoll xi salmi jitkellmu ċar dwar Kristu, l-Iben ta' Alla, il-Messija u l-Qaddej tal-Mulej, Jahweh. Fil-fatt dan il-ktieb tas-salmi jekk wieħed jiflih sewwa jara li hu mimli bi Kristu. Fis-Salmi Kristu jidher taħt forom profetiċi, immaġni u simboli. Kristu hu l-bażi ta' dawn l-għanjiet li jsibu spjegazzjoni biss meta ssir referenza għalih. Kristu hu dak li joħroġ għad-dawl dak kollu li hemm moħbi fis-salmi. Ġesù nnifsu qalilna fl-episodju ta' Emmaws: "Jeħtieġ li jseħħ kull ma hu miktub fuqi fil-Liġi ta' Mosè, fil-Profeti u fis-Salmi" (Luqa 24:44). L-Istiliti tas-Sirja li kienu jgħixu f'iżolament fuq kolonni kienu jgħaddu iljieli sħaħ jirreċitaw is-salmi kollha.

## Salmi Messjaniċi

It-titlu "Salmi Messjaniċi" hu wieħed wiesa' għaliex jinkludi fih numru ta' salmi ta' tip differenti. Hekk fost is-Salmi Messjaniċi nsibu

s-salm; 2, 16, 18, 21, 22, 23, 24, 45, 47, 72, 101 u 110. Is-salm 2 flimkien mas-salm 110 jurina talba messjanika. Diversi biblisti bħal Mowinckel, Eaton u Dahood argumentaw li għandhom jiġu aċċettati aktar salmi f'din il-kategorija. Fis-Salm 2 naraw d-divinità tal-Messija u s-saltna universali tiegħu. Ir-Rebħa fuq il-ħżiena hija r-rebħa tal-Messija, Bin Alla u Sultan: "Fid-dinja tbatu jkollkom, iżda agħmlu il-qalb: jiena rbaħt id-dinja" (Ġwanni 16:13 u ara Atti 4:25; 13:33 u Lhud 5:5.) Fis-Salm 16 naraw il-qawmien mill-mewt tal-Messija; u fis-Salm 18 hemm is-salvazzjoni u l-glorja tal-Messija. Fis-salm 21 naraw ir-rebħa tas-sultan u radd il-ħajr għal din ir-rebħa. Fis-Salm 22 naqraw dwar it-tbatijiet u r-rebħa tal-Messija u għalhekk huwa msejjaħ is-Salm tal-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu. Is-Salm 23 jurina l-figura tar-Ragħaj it-Tajjeb fejn Ġesù qal għalih innifsu; "Jiena r-Ragħaj it-tajjeb. Ir-Ragħaj it-tajjeb jagħti ħajtu għan-ngħaġ tiegħu." (Ġwanni 10:11.)

Fis-Salm 24 naraw is-Sultan tal-glorja u d-daħla fil-belt tiegħu. Is-Salm 45 jgħanni għanja tal-imħabba li tirrifletti l-imħabba ta' Kristu għall-Knisja. Is-Salm 47 naraw il-Mulej, Sultan rebbieħ, li hija r-rebħa ta' Kristu bil-qawmien tiegħu. Is-Salm 72 naraw is-saltna glorjuża tal-Messija u jħabbar is-saltna vera ta' Kristu. Fis-Salm 101 naraw il-wegħda ta' ħajja aħjar tal-poplu quddiem is-Sultan Ġesù. Is-Salm 110 huwa s-salm l-iktar li jissemma fil-ĠT fejn naraw lil Ġesù; il-Messija li kellu jiġi bħala sultan rebbieħ u qassis għal dejjem. Sa minn twelidu l-Messija hu sultan ikkonsagrat fil-qalba tal-muntanji ta' Sijon. Imma l-Messija mhux biss hu sultan divin imma wkoll



saċerdot etern u dan ħalfu Alla nnifsu: "Ħalef il-Mulej, u ma jisgħobx bih: "Inti qassis għal dejjem bħal Melkisedek!"(vers 4). Is-salm 113 b'rabta mal-kantiku tal-baħar (Eżodu 15) huwa wkoll marbut ma' Kristu l-Mulej.

Fuq kollox nistgħu ngħidu li l-passjoni u l-mewt ta' Ġesù kienet mħabbra u miktuba biex ngħid hekk sal-inqas dettall fis-salmi. Hekk insibu fis-salmi; l-abbandun mill-Ġetsemani sal-Golgota; il-mibegħda lejn vittma mneżżgħa minn kull saħħa; ġisem mbiċċer, l-agonija, l-għatx, it-tqassim u x-xorti għal-ħwejġu.

## Ġesù u s-Salmi

S. Wistin jgħid hekk: "Is-Salm hu leħen il-Knisja li titkellem fuq Kristu. Is-Salm hu leħen Kristu li jitkellem mal-Missier. Is-Salm hu leħen Kristu sħiħ, ir-Ras u l-Ġisem." Ġesù stess applika għalih innifsu xi salmi bħalma naraw f'Mt 21:16; 27:46; Lq 23:46 u Ġw 13:18. Anke l-appostli stess applikaw is-salmi għal Ġesù kif naraw f'Atti 2:25. Barra mill-fatt li diversi awturi tal-Ġdid Testment tkellmu biċ-ċar kif diversi salmi kienu jirreferu għal Ġesù, insibu li Ġesù nnifsu applika għalih xi partijiet mis-salmi.



L-awtur tal-Ittra lil-Lhud (ara 10:5) ipoġġi fuq fomm Ġesù il-kliem tas-salm 39 biex jispjega għaliex Ġesù ġie fid-dinja. Peress li Alla ma laqax aktar is-sagrifiċċji tal-Antik Testment, Ġesù ġie biex ipatti għad-dnubiet tal-bnedmin billi jagħmel ir-rieda tal-Missier. "Int ma titgħaxxaqx b'sagrifiċċji u offerti; imma widnejja inti ftaħtli; ma tlabtnix vittmi tal-ħruq u tat-tpattija. Imbagħad jien għidt; 'Hawn jien, ġej.' Fil-bidu tal-ktieb hemm miktub fuqi li nagħmel ir-rieda tiegħek. Alla tiegħi, dan jogħġobni; il-liġi tiegħek ġewwa qalbi."(v 7-9)

Ġesù nnifsu jikkwota salm 117 biex juri li din il-profezija kienet seħħet. (ara Mt 21;42; Lq 20; 17 uMk 12;10): "Il-ġebla li warrbu l-bennejja saret il-ġebla tax-xewka. Bis-saħħa tal-Mulej seħħ dan; ħaġa tal-għaġeb f'għajnejna"(v 22-23)

Ġesù f'ħajtu applika għalih xi versi mis-salmi; speċjalment meta kien fuq is-salib, bħal x'ħin qal "Missier f'idejk jien nerħi ruħi" (ara Salm 30:6: "F'idejk jien nerħi ruħi, tifdini Int, Mulej, Alla tas-sewwa") jew "Għandi l-għatx" (ara Salm 68:22: "Tefgħu fl-ikel tiegħi l-morr, u fil-għatx tiegħi



sqewni l-ħall); biex idaħħal fl-imħuħ tal-Lhud li hu kien il-Messija billi jagħmel użu minn kliem u frażjijiet li huma stess kienu jirreċtaw fis-salmi. (Ara ukoll Salm 38:18, Isaija 49:14 u Lam 5:20).

Meta Ġesù kien fil-ġnien tal-Ġetsemani huwa talab permezz ta' kliem mis-Salmi 22:1 u 31:5 kif naraw f'Mattew 27:46 u Luqa 23:46.

## Konklużjoni

Sant'Ilarju ta' Poitiers jgħid li s-salmi juru l-ħajja kollha ta' Ġesù; il-miġja tiegħu, l-inkarnazzjoni, il-passjoni, il-mewt u l-qawmien kif ukoll s-saltna tiegħu (Ara *Tractatus psalmos*, prol. 5; PL 9, 235). Il-Papa Piju XII fl-Enċiklika *Mediator Dei*, n.116 jikteb ukoll: "Is-Salmi jqiegħdu f'dawl tal-għaġeb il-glorja mħabbra ta' Ġesù Kristu u s-setgħa tiegħu kbira u eterna, il-miġja u l-umiltà tiegħu f'dan l-eżilju fuq din l-art, id-dinjità ta' sultan u l-qawwa saċerdotali tiegħu, il-ħidma fejjieda tiegħu u d-demm li xerred għall-fidwa tagħna." Anke l-Papa Benedittu XVI, fl-aħħar eżerċizzi spiritwali li għamel bħala Papa fl-2012, immedita dwar il-ktieb tas-Salmi bl-għajnuna tal-Biblista l-Kardinal

Gianfranco Ravasi, President tal-Kunsill Pontifiċju għall-Kultura. Dan il-Kardinal kien kiteb it-talbiet tal-Via Crucis tal-Papa fl-2007. Il-ktieb tas-salmi hu fuq kollox il-ktieb li permezz tiegħu eluf ta' saċerdoti u reliġjużi u anke lajċi kuljum u kull ħin jitolbu u jfaħħru lil Alla. B'hekk rajna biċ-ċar kemm il-ktieb tas-Salmi jitkellem dwar Kristu u li Ġesù nnifsu kkwota u applika għalih nnifsu xi salmi.

## Bibliografija


Alter, R., *L'arte della poesia biblica*, Roma 2011.

Barbiero, G., *Il regno di JHWH e del suo Messia: salmi scelti dal primo libro del Salterio*, Roma 2008.

Barbiero, G., *Figure Simboliche a commento dei Salmi 1-3; 8 e 19*, PIB, Roma 2003.

Basadonna, G., *Sui Fiumi di Babilonia*, L'Albero in fiore 3, Milano 1993.

Bonhoeffer, D., *Pregare i Salmi con Cristo*, Brescia 1978.

Costacurta B., *Con la Cetra e con la Fionda. L'ascesa di Davide verso il trono*, Roma 1994.

Costacurta, B., *Scritti Sapienziali e Salmi*, PUG, Roma 1998.

Dean Anderson, R., "The Division and Order of the Psalms", in *Westminster Theological Journal* 56 (1994) 219-241.

Gasnier, M., *The Psalms school of spirituality*, St. Louis 1962.

Kraus, H.J., *Psalmen 1-59*, Neukirchen 1978.

Manicardi, L., "La regalita` di Dio nel Salterio", in *PSV* 28 (1993), 43-63.

Mays, J.L., *The Lord reigns. A theological handbook on the Psalms*, Louisville 1994.

Monti Amoroso, F., *Salmi, Tehillim. Un canto ogni giorno, un canto per ogni giorno,* Milano 1999.

Ravasi, G., *Il Libro dei Salmi, Commento e attualizzazzione,* I, II, III, Bologna 1981, 1983, 1984.

Seybold, K., *Poetik der Psalmen*, Stuttgart 2003.

Sheppard, G.T., "Theology and the book of Psalms", in *Interp* 46 (1992) 143-166.

Terrien, S., *The Psalms: Strophic structure and theological commentary,* Grand Rapids (MI) 2003.

Westermann, C., *Lob und Klage in den Psalmen*, Gottingen 1977.



# IR-RABTA BEJN L-AĦĦAR ĊENA, IS-SALIB U L-QAWMIEN

***Mons Lawrenz Sciberras***

Ħalli nibdew b'fatt żgur għax qiegħed miktub fl-Evanġelju; Ġesù miet jitlob. Fl-aħħar ikla, Ġesù ħabbar il-mewt tiegħu, u dan għamlu f'dak il-waqt li ngħata fl-Ewkaristija. U hekk huwa biddel il-mument tal-mewt tiegħu f'azzjoni ta' mħabba l-aktar kbira billi gglorifika lil Alla Missieru."Ħadd ma għandu mħabba akbar minn din: li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu" (Ġw 15,13).

## Ġesù miet jitlob

Minkejja li l-evanġelisti juru li huma xi ftit differenti minn xulxin, però jaqblu perfettament fl-essenzjal tagħhom: Skont huma ilkoll Ġesù miet jitlob. Huwa għamel mill-mewt tiegħu att ta' talb, att ta' adorazzjoni lil Alla Missieru. Skont Mattew u Mark Ġesù għajjat b'leħen għoli u qal il-kliem li bihom jibda s-salm 22. Dan is-salm jikkonsisti f'għajta tal-ġust li qed ibati: "Alla tiegħi, Alla tiegħi għaliex tlaqtni?" (Mk 15,354; Mt 27,46).

Iż-żewġ evanġelisti jinnotaw ukoll li dan il-kliem in-nies li kienu hemm fil-qrib ma fehmuhx, anzi interpretaw dan il-kliem ta' Ġesù daqs li kieku qalu Elija. Wara dan kellha tkun biss il-fidi li rnexxielha tifhem li din il-għajta waqt li Ġesù kien qed imut kienet tassew it-talba messjanika tas-salm il-kbir.

Għal komunità Kristjana tal-bidu dan is-salm xeħet dawl fuq tagħlim dwar Kristu, għaliex fih jidher sew mhux biss il-mewt ta' Ġesù fuq is-salib, imma wkoll il-misteru Ewkaristiku li tkompla sal-aħħar fuq is-salib. Barra dan kollu fis-salm hemm ukoll riferenza għal ħerqa qawwija "tal-fqar", kif ukoll għall-Knisja tal-"ġentili" illi dawn it-tnejn ukoll jafu l-eżistenza tagħhom mis-Salib.



Għalhekk mela din il-għajta ta' mewt, meqjusa minn dawk preżenti bħala għajta bla ebda siwi, saret tassew għall-insara t-tifsira l-aktar profonda li Ġesù nnifsu ta waqt mewtu. It-teoloġija dwar is-Salib li qiegħda f'dan is-salm, applikat għalih daqs li kieku nkitbet kollha u direttament għalih. Is-salm innifsu jkompli jiċċara għaliex Ġesù qal direttament il-kliem ta' din l-għanja mimlija riferenza għall-passjoni u l-mewt ħarxa. F'dan is-salm (22) Ġesù hu abbandunat, merħi waħdu, hu żżufjettat, qasmu ħwejġu bejniethom, li hu bil-għatx taqqbulu jdejh u saqajh, u xeħtu x-xorti fuq it-tunika. Iżda minkejja dan kollu, Alla missieru laqgħu u gglorifikah.

Wieħed hawn għandu jkompli jgħid li l-istorja kollha tal-passjoni qiegħda minsuġa bi ħjut l-aktar fini imma preċiżi f'dan is-salm. Hekk il-kliem tas-salm u r-realtà li seħħet f'Ġesù ntisġu flimkien tassew. Hawn ma nistgħux inħallu barra l-għajnuna tal-ispirazzjoni li kien ikollhom il-kittieba sagri meta jiktbu l-kotba qaddisa. U huwa għalhekk li l-Bibbja hija ffurmata minn ktieb wieħed.

It-tbatija fl-ogħla grad toħroġ fl-aqwa tagħha f'din il-għanja. Hawn dawk it-tbatijiet tal-bniedem ġust, li apparentament ġie miċħud minn Alla stess, kollha



jidhru li seħħew tassew fi Kristu, il-vittma sħiħa mela, sagrifiċċju olokawst li tant ġie maħbub u milqugħ minn Alla Missieru.

## Is-Salm 22 u Ġesù

Ma jifdal għalhekk ebda dubju; Ġesù sofferenti huwa tassew il-veru suġġett tas-salm 22; tant li minn dawn it-tbatijiet ħarġet il-fidwa sħiħa tal-popli. San Pawl huwa preċiż ħafna dwar din il-verità: "Lilu Alla kkostitwih vittma ta' espjazzjoni b'demmu" (Rum 3,25).

Iżda jibqa' dejjem il-fatt li l-evanġelisti ma jaqblux bejniethom dwar liema kienu preċiż il-kliem ta' Ġesù fl-aħħar mumenti ta' ħajtu. Luqa fakkar fis-salm 22,6: "Alla tiegħi, Alla tiegħi għaliex tlaqtni", Ġwanni għażel vers ieħor tas-salm 22 biex hekk rabtu mas-salm tal-passjoni. "Għandi l-għatx" (Ġw 19,28). Fis-salm imbagħad jitkellem li ħalq il-vittma niexef daqs xaqqufa! (Sl 22,16). Biss l-evanġelisti kollha jaqblu dwar tliet punti ċentrali, kif fil-fatt hekk kien tassew u dan l-aktar minħabba d-demm li tilef.

1. L-evanġelisti kollha huma konvinti li s-slam 22 huwa marbut b'mod partikulari mal-passjoni ta' Ġesù, kemm fir-realtà oġġettiva, kif ukoll fl-aċċettazzjoni personali tal-passjoni min-naħa ta' Ġesù. Huwa ċert ukoll li fis-salm ma hemmx diviżjonijiet, anzi jidher sew li huwa salm wieħed.
2. Ilkoll jaqblu li l-aħħar kelmiet li qal Ġesù wrew l-espressjoni sħiħa

tal-ubbidjenza tiegħu u din mingħajr riserva għall-volontà tal-Missier. L-aħħar kelma ta' Ġesù ma kenitx le indirizzata lejn xi ħadd ieħor, daqskemm lejn Alla Missieru.

3. L-evanġelisti kollha jaqblu li l-istess mewt ta' Ġesù kienet att għoli ta' talba qawwija,kif ukoll ta' għotja sħiħa tant li dik il-mewt serviet ta' passaġġ għal għand il-Missier.

Jaqblu wkoll u jżommu li Ġesù bdan il-mod qiegħed il-mewt tiegħu fil-kelma ta' Alla. Huwa għex f'din il-kelma u din l-istess kelma timmanifesta ruħha fih.

## Rabta bejn l-aħħar ikla u l-mewt

Meta wieħed jagħmel tali konsiderazzjonijiet jasal biex jikkonkludi dik ir-rabta li ma tinfiridx bejn l-Aħħar Ikla ta' Ġesù u l-passjoni u l-mewt tiegħu fuq is-salib. Il-kelmiet li qal Ġesù minn fuq is-salib, u l-kliem tal-Aħħar Ċena, ir-realtà tal-mewt u dik tal-aħħar ikla jikkonsistu fil-fatt li Ġesù qassam il-Ġisem tiegħu u d-Demm tiegħu, mela l-istess eżistenza tiegħu hawn fuq l-art. "Ħudu u kulu, ħudu u ixorbu".

Fi kliem ieħor il-ġrajja tal-Aħħar Ċena hija antiċipazzjoni tal-mewt, jew aħjar il-bidla tal-mewt f'att ta' mħabba kbira. Huwa f'dan il-kuntest biss li wieħed jista' jifhem x'ried ifisser Ġwanni meta sejjaħ il-mewt ta' Ġesù l-glorifikazzjoni ta' Alla u l-glorifikazzjoni tal-Iben. "Missier agħti glorja lil ismek. Dak il-ħin instama' leħen mis-sema: 'Jiena ġa gglorifikajtu u nerġa' nigglorifikah'" (Ġw 12,28).

Il-mewt li min-natura tagħha hija t-tmiem, id-distruzzjoni ta' kull relazzjoni, din id-darba ġiet mibdula f'att ta' komunikazzjoni fiha nfisha. U preċiżament din hija s-salvazzjoni tal-bnedmin, għaliex tfisser li l-imħabba rebħet il-mewt. Għalhekk meta l-mewt ta' Ġesù tagħtina l-muftieħ biex inkunu nistgħu nifhmu aktar l-aħħar ċena. Din l-ikla hija l-antiċipazzjoni tal-mewt, anzi l-bidla ta' mewt vjolenti f'sagrifiċċju volontarju li ntemm f'att għoli ta' mħabba li hija l-fidwa tad-dinja.

Il-mewt mingħajr l-att kbir ta' mħabba infinita taċ-ċena kienet tkun vojta għal kollox u mingħajr tifsira ta' xejn. L-Aħħar Ikla ta'





Ġesù mat-Tnax kienet tkun sempliċement ġest mingħajr realtà, forsi biss simbolu. Kienet tkun ikla oħra bħal dik tal-Lhud. L-ikla u s-salib flimkien huma l-unika għajn tal-Ewkaristija li ma jinfirdux. Din l-Ewkaristija mhix ir-riżultat ta' Ikla iżolata, imma pjuttost hija l-għaqda ta' Ikla u Salib flimkien. Dan jikkonferma San Ġwann fid-dehra tiegħu ta' Ġesu-Knisja u sagrament. Huwa kollu għalhekk li Ġesù wara li spiċċa l-ikla huwa kompla sejjer dirett għall-passjoni u l-mewt. L-għotja tal-ħobż u l-inbid li saret fil-għorfa taċ-ċenaklu ssib it-tifsira sħiħa tagħha fuq is-salib.

## Effetti tan-nifda

Mill-kustat minfud tal-Mulej, "ħareġ id-demm u l-ilma" (Ġw 19,34). Mela simbolikament il-Magħmudija u l-Ewkaristija, il-Knisja Eva l-ġdida. Mela l-Ewkaristija mhix sempliċement sagrifiċċju ta' Kristu, hija wkoll preżenza tal-ogħla ġest ta' adorazzjoni, u li dan fl-istess waqt huwa att ta' mħabba "sa l-aħħar" (Ġw 13,1). Huwa għalhekk li fit-tqassim tal-ħobż u fit-tixrid tad-demm, qed jingħata lilna taħt ix-xbihat tal-ħobż u l-inbid.

Fejn jidħol id-demm minkejja li għal-Lhud dan kien xi ħaġa ta' min jaħrabha, ta' aborriment kbir, imma grazzi għad-demm li Ġesù xerred saħansitra wkoll meta kien diġà mejjet, dan għal missirijiet il-Knisja kellu tassew tifsiriet kbar u profondi tassew. Hekk l-Isqof Sant'Ambroġ: "Is-sliem għalik O demm nobbli u għażiż, li ħriġt mill-pjagi tas-sinjur tiegħi Ġesù msallab, u ħsilt id-dnubiet tad-dinja kollha! Ftakar O Mulej fil-kreatura tiegħek li inti stess fdejt b'demmek il-għażiż."

Santu Wistin ukoll ikompli jiċċara din il-verità: "Aħseb ftit kif saret il-fidwa tagħna. Kristu mdendel mill-għuda; xerred demmu kollu, xtrana b'demmu, bid-demm tal-ħaruf immakulat bid-demm tal-Iben ta' Alla l-waħdieni. Min xtara huwa Kristu, il-prezz huwa d-demm, dak li takkwista hija l-premju tal-ġenna."

Mela minn dan kollu jidher sew kemm ir-rabta bejn l-Aħħar Ċena, is-Salib u l-Qawmien hi intrinsikament qawwija li ma tinfiridx.



# L-EŻORĊIŻMI TA' ĠESÙ FIL-VANĠELU SKONT SAN MARK (1)

***Marcello Ghirlando***

Matul din is-Sena Liturġika (B), fil-Ħdud ta' Matul is-Sena jinqara l-Vanġelu skont San Mark. L-istudji tal-Vanġeli juru li kien l-ewwel wieħed li nkiteb; il-ġrajjiet li fih jiġu rrakkuntati juru tajjeb li huma frott min verament kien għex u għamel esperjenza diretta ta' Ġesù; mill-ġrajjiet irrakkuntati wieħed jista' jmiss aktar b'idejh lil Ġesù tal-istorja. Barra minn hekk, l-istudji profondi li saru fuq San Mark ħarġu aktar għad-dawl il-kapaċità tal-awtur,

kemm bħala kittieb, kif ukoll bħala teologu tajjeb li għaraf jagħġen tajjeb it-tradizzjonijiet kollha li ġew mgħoddija lilu. Għaġna tajba li wasslet biex ikollna f'idejna Vanġelu tassew ħaj li jurina ftit ftit min hu verament Ġesù, u dan fil-kuntest ta' ideat teoloġiċi fundamentali li fuqhom huwa mlaqqam il-Vanġelu: il-persuna ta' Ġesù, is-Saltna ta'Alla, kif tagħraf lil Ġesù, il-ħtieġa tal-fidi, il-qawwa tat-talb, id-dixxepolat eċċ.

## L-arti tan-narratur

Ħa ngħiduha kif inhi: letterarjament il-Vanġelu ta' San Mark huwa ifqar minn dawk ta' San Mattew u San Luqa, jekk nippermettu lilna nfusna li nagħmlu paragun! Il-vokabularju mhuwiex varjat: l-awtur juża spiss, per eżempju, il-verbi 'jagħmel, ikollu, irid, jibda', mingħajr ħafna sfumaturi. Il-verb 'sejjaħ' huwa wżat ħafna u wieħed irid jifhem is-sens differenti tiegħu skont il-kuntest. Marku juża ħafna espressjonijiet popolari u semitiċi; insibu anke diversi kliem bl-aramajk, eżempju: *talità kum*, tfajla… qum! – 5:4, u jagħti wkoll traduzzjoni biex il-qarrej ikun jista' jifhimhom; ħafna kliem Latin huwa trasferit bil-Grieg, il-lingwa li bih qed jikteb l-awtur, mingħajr preokkupazzjoni li juża l-kliem proprju, eżempju *kentyrion* għal ċenturjun – 15:39. Dan jissejjaħ latiniżmu.

Dan kollu jurina li San Mark kellu aktar l-intenzjoni li joħloq djalogu ħaj mal-qarrej milli jikteb Vanġelu bi stil raffinat. Fil-Bxara t-Tajba tiegħu, nistgħu ngħidu li nsibu narratur pjaċevoli, intelliġenti, vivaċi, u fl-istess ħin attent ħafna li juri bid-deher l-atteġġjamenti tal-persunaġġi li jiġu ppreżentati. U dan biex il-qarrej, kif diġà għidna, jagħmel tiegħu dawk l-istess atteġġjamenti u jidħol fid-dramm ħaj tal-Vanġelu!

Hemm żewġ karatteristiċi letterarji li għenu ħafna lil San Mark biex jagħmel dan. Hemm dak li jissejjaħ 'skematiżmu':





diversi rakkonti tal-awtur għandhom skema waħda u huma miktubin fuq mudell wieħed. Wieħed jista', per eżempju, jikkonfronta ż-żewġ rakkonti tat-tkattir tal-ħobż (6:30-44 u 8:1-9), jew ir-rakkont tal-fejqan tal-għama ta' Betsajda (8: 22-26) u dak tat-trux imbikkem (7:32-36). F'dawn ir-rakkonti wieħed jinduna li hemm skema komuni użata: notazzjoni taċ-ċirkustanzi, l-intervent ta' Ġesù, l-effett tal-kliem tiegħu u tal-azzjonijiet tiegħu, l-istagħġib tan-nies. Skema waħda li ma toħloqx monotonija, kif forsi xi ħadd jista' jaħseb, imma skema li toħloq interess u skambju ħaj, anke frott il-ħafna dettalji li jagħtu ħajja lis-silta evanġelika.

Karatteristika letterarja oħra hija l-istil tassew ħaj li bih jikteb San Mark. L-istil tiegħu huwa tabilħaqq ħaj u pittoresk u jgħinek tassew biex tħossok preżenti fil-ġrajjiet evanġeliċi! Ġesù huwa ppreżentat b'mod tassew ħaj: wieħed jista' jiggustah preżenti miexi u jgħallem f'xatt l-Għadira tal-Galilija, imdawwar bil-folla; ma għandux ħin jiekol (3:10), jorqod fuq imħadda fil-poppa tad-dgħajsa (4:38), jimxi quddiem l-appostli tiegħu (10:32); jixħet ħarsa qalila u jitnikket quddiem il-qalb iebsa tal-Farizej (3:5), u l-attivitajiet tagħhom (8:12), jinkorla għad-dixxipli (10:13), jixħet fuqhom ħarsa ta' mħabba (10:21) u delużjoni (10:23). Anke l-persunaġġi l-oħra tal-Vanġelu, kollha jiġu ppreżentati b'mod tassew ħaj: daqqa ibsin f'qalbhom (3:5), daqqa mħassbin (6:20) eċċ.

L-istess mirakli – il-fejqan tal-morda, l-eżorċiżmi, il-mirakli fuq il-qawwiet tan-natura – li f'dan il-Vanġelu huma meqjusin bħala importanti ħafna, u li huma s-sinjal u l-manifestazzjoni tal-qawwa ta' Ġesù, l-Imgħallem, huma mogħnija b'dettalji partikulari li jagħmlu mir-rakkont, xena tassew ħajja. Per eżempju, San Mark jiddrammatizza r-rakkont tal-fejqan tal-mara li kienet tbati bit-tnixxija tad-demm, meta jirrakkonta li 'kienet batiet wisq taħt ħafna tobba, u nefqet kull ma kellha, u mhux biss ma swielha xejn, imma talli marret għall-agħar' (5:26). Eżempju ieħor insibuh f'6:17-28, meta l-awtur jirrakkonta l-qtil tal-Battista biex jikkummenta r-reazzjoni ta' Erodi quddiem il-ħidma ta' Ġesù.

Nistgħu tabilħaqq ngħidu li San Mark jirnexxielu jdaħħal lill-qarrej fid-dramm sħiħ tal-Vanġelu. Anke jekk il-qarrej jaf minn 1, 1 li qed jaqra l-Bxara t-Tajba ta' Ġesù Kristu l-Iben ta' Alla, huwa ma jistax ma jidħolx b'mod eżistenzjali fil-ġrajja tal-persunaġġi li qed jistaqsu min hu Ġesù, u qed jaslu ftit ftit, b'fidi li tikber quddiem ir-rivelazzjoni progressiva tal-Messija, li dan huwa tassew l-Iben ta' Alla.

## L-Eżorċiżmi ta' Ġesù

F'dan il-Vanġelu l-awtur sagru jagħtina erba' rakkonti ta' eżorċiżmi li jagħmel Ġesù. F'1:21-28 Ġesù jfejjaq raġel li kellu spirtu ħażin fis-sinagoga ta' Kafarnahum; f'5:1-20 Ġesù jfejjaq raġel imxajtan f'Ġerasa; f'7:24-30 Ġesù jeħles bint il-mara Sirofeniċja u f'9:14-29 ifejjaq tifel u jeħilsu mix-xitan. Barra minn dawn ir-rakkonti li San Mark jagħtihom importanza kbira, huwa kemm il-darba jiġbor fi ftit kliem il-ħidma eżorċistika ta' Ġesù: F'għeluq il-ġurnata ta' Kafarnahum, li fiha l-Evanġelista jagħti sintesi tal-ministeru pubbliku ta' Ġesù (1:21-34), hekk jikteb: "U fejjaq ħafna morda minn kull xorta ta' mard, u ħareġ għadd kbir ta' xjaten li hu ma kienx iħallihom jitkellmu, għax huma kienu jafu min kien" (1:34); "u dar il-Galilija kollha, jippriedka fis-sinagogi tagħhom u joħroġ ix-xjaten" (1:39); "u l-ispirti l-ħżiena kull darba li kienu jilmħuh, kienu jixteħtu fl-art quddiemu u jaqbdu jgħajtu: 'Int l-Iben ta' Alla!' Iżda hu kien jordnalhom bis-sħiħ biex ma jurux min kien" (2:11-12). F'Nazaret, minħabba n-nuqqas ta' fidi, Ġesù ma jkeċċix spirti ħżiena! "U hemmhekk ma sata' jagħmel ebda miraklu, ħlief li qiegħed idejh fuq ftit morda u fejjaqhom; u baqa' mistagħġeb bin-nuqqas ta' fidi tagħhom" (6:5-6).

Nuqqas ta' fidi li dehret bil-qawwa fil-kittieba li kienu niżlu minn Ġerusalemm u li quddiem l-eżorċiżmi ta' Ġesù jakkużawh li kien qiegħed ikeċċi l-ispirti l-ħżiena għax kellu fih lil Begħelżebul u bil-qawwa tal-prinċep tax-xjaten! "Bdew jgħidu: 'Dan għandu fih lil Begħelzebul,' u wkoll 'Dan bis-saħħa tal-Prinċep tax-xjaten qiegħed ikeċċihom ix-xjaten.' Hu sejħilhom lejh u beda jkellimhom bil-parabboli: 'Kif jista' x-Xitan ikeċċi x-Xitan? Jekk saltna tinqasam fiha nfisha, dik is-saltna ma tistax iżżomm wieqfa. U jekk familja tinqasam fiha nfisha, dik il-familja ma tistax iżżomm wieqfa. Li kieku mela x-Xitan qam kontra tiegħu nnifsu u nfired, ma kienx jista' jżomm sħiħ, imma jkun wasal fit-tmiem. Ħadd ma jista' jidħol fid-dar ta' wieħed qawwi u jaħtaflu ġidu jekk qabel ma jkunx rabat lil dak il-qawwi;





mbagħad id-dar jaħtafhielu żgur. Tassew ngħidilkom, kollox jinħafrilhom lill-ulied il-bniedem, id-dnubiet u d-dagħa kollu li jidgħu. Imma min jieqaf lill-Ispirtu s-Santu ma jkollu qatt maħfra: jibqa' ħati għal dejjem.' Għax kienu qalu: 'Għandu fih spirtu ħażin'" (3:22-30).

## L-ewwel eżorċiżmu f'Kafarnahum

Ġesù jibda l-ministeru pubbliku tiegħu "wara li arrestaw lil Ġwanni, Ġesù mar il-Galilija jxandar l-Evanġelju ta' Alla u jgħid: 'Iż-żmien huwa mitmum, u s-Saltna ta' Alla waslet: indmu u emmnu fl-Evanġelju'" (1:14-15).

Wara s-sejħa tal-ewwel erba' sajjieda (1:16-20), Ġesù jidħol jippriedka fis-sinagoga ta' Kafarnahum. Il-qawwa tremenda ta' kelmtu tagħti lok għall-ewwel eżorċiżmu solenni tiegħu. Hekk jirrakkonta San Mark (1:21-28): "U daħlu Kafarnahum. Malajr, f'jum is-Sibt, daħal fis-sinagoga u qagħad jgħallem. In-nies baqgħu mistagħġbin bil-mod tat-tagħlim tiegħu, għax beda jgħallimhom bħal wieħed li għandu s-setgħa, u mhux bħall-kittieba. Mela jkun hemm fis-sinagoga tagħhom raġel bi spirtu ħażin u qabad jgħajjat u jgħid: "Aħna x'għandna x'naqsmu, Ġesù ta' Nazaret? Ġejt biex teqridna? Jien naf min int: 'Il-Qaddis ta' Alla.'" Imma Ġesù kkmandah: "Iskot," qallu, "u oħroġ minnu." Mbagħad l-ispirtu ħażin lir-raġel beda jħabbtu ħafna, għajjat għajta kbira u ħareġ minnu. U lkoll stagħġbu, u bdew jistaqsu lil xulxin u jgħidu: "Dan x'inhu? X'tagħlim ġdid mogħti bis-setgħa! Sa lill-ispirti ħżiena jikkmanda, u huma joqogħdu għalih!" U l-fama tiegħu malajr xterdet mal-inħawi kollha tal-Galilija".

Il-kuntest ta' dan l-eżorċiżmu hija s-sinagoga ta' Kafarnahum li fiha Ġesù kien igħallem nhar ta' Sibt. Ġesù kellu jirritorna Kafarnahum fejn kellu jfejjaq il-mifluġ miġjub mis-saqaf! (2:1-12) U kien f'din l-istess sinagoga li kellu jfejjaq lir-raġel b'idu niexfa (3:1-6).

Ġesù jidħol fis-sinagoga għat-talb ta' nhar ta' Sibt. In-nies kollha kienu miġbura hemm. Wara l-qari mit-Torah u qari ieħor mill-kotba profetiċi jidher li huwa Ġesù li jieħu l-kelma. Kelmtu fil-veru sens tal-

kelma ssaħħar lin-nies! "In-nies baqgħu mistagħġbin bil-mod tat-tagħlim tiegħu, għax beda jgħallimhom bħal wieħed li għandu s-setgħa, u mhux bħall-kittieba". Ġesù ma kellux bżonn l-appoġġ ta' mgħallma oħra biex jagħti saħħa u awtorità lill-kelma tiegħu. Kelmtu, frott persuntu midluka mill-Ispirtu ta' Alla, "l-Iben għażiż" li fih il-Missier sab l-għaxqa tiegħu (1:10-11) u l-missjoni tiegħu kienu l-għerq tal-awtorità tiegħu. Kelmtu ssir "tagħlim ġdid mogħti bis-setgħa!" Kelma tant qawwija li kellha tikxef lil spirtu ħażin mrekken f'raġel. L-ispirtu ħażin, li min-natura tiegħu jinħeba, ikollu jimmanifesta ruħu quddiem il-persuna ta' Ġesù, bil-qawwa tal-kelma setgħana tiegħu.

Mhux ta' b'xejn li San Mark jikteb: "Mela jkun hemm fis-sinagoga tagħhom raġel bi spirtu ħażin u qabad jgħajjat u jgħid: "Aħna x'għandna x'naqsmu, Ġesù ta' Nazaret? Ġejt biex teqridna? Jien naf min int: 'Il-Qaddis ta' Alla.'" Huwa dramm fis-sinagoga: konfront bejn dak li huwa "Il-Qaddis ta' Alla" u dak li huwa mniġġes bl-għeruq u x-xniexel bir-ribelljoni tiegħu kontra Alla. Huwa konfront drammatiku! Il-kelma setgħana tikxef lill-Ħazin: tiddi l-qdusija u l-identità tal-Kristu li huwa "Ġesù ta' Nazaret" mogħni b'kelmtu b'awtorità divina, rebbieħ fuq il-Ħażin u l-ħażen, li Alla biss jista' jikxef u joħroġ għad-dawl biex jinqered.

"Imma Ġesù kkmandah: "Iskot," qallu, "u oħroġ minnu." Mbagħad l-ispirtu ħażin lir-raġel beda jħabbtu ħafna, għajjat għajta kbira u ħareġ minnu". Ġesù għajjat, iċanfar, jhedded u jikkmanda lill-ispirtu ħażin... bħalma jagħmel meta jsikket il-qawwa qerrieda tat-tempesta fuq il-baħar (4:39), lil Pietru li jlumu u jaqtagħlu qalbu mill-passjoni (8:33), lill-ispirtu mbikkem u trux fit-tifel (9:25) u bħal meta kkmanda li l-mirakli tiegħu ma jixxandrux (3:12; 8:30).

"Iskot," qallu, "u oħroġ minnu." Ġesù jsikket lill-ispirtu ħażin li bħal donnu kien qed juri li kellu xi għarfien superjuri fuq l-identità ta' Ġesù u ried jiftaħar li jxandarha. Imma r-riżultat tal-kmand solenni ta' Ġesù, b'dik il-kelma qawwija, hija immedjata: "l-ispirtu ħażin lir-raġel beda jħabbtu ħafna, għajjat għajta kbira u ħareġ minnu".

"U lkoll stagħġbu, u bdew jistaqsu lil xulxin u jgħidu: 'Dan x'inhu? X'tagħlim ġdid mogħti bis-setgħa! Sa lill-ispirti ħżiena jikkmanda, u huma joqogħdu għalih!'» L-istagħġib huwa kbir: il-ġrajja li kienet għadha kif seħħet uriet bid-deher il-qawwa ta' Ġesù. Hu ma jużax xi kliem ripetut jew formoli maġiċi biex ikeċċi l-ispirti, bħalma kienu jagħmlu l-eżorċisti ta' żmienu; kienet biżżejjed il-kelma qawwija tiegħu mlissna b'awtorità waħdanija. "U l-fama tiegħu malajr xterdet mal-inħawi kollha tal-Galilija". Mill-mument li l-qawwa tal-ħażen tintrebaħ, dan kellu jkun il-bidu tat-tmiem tiegħu. Dan bil-kelma qawwija ta' Ġesù. U issa l-Galilija kollha ssir taf!

Dan l-eżorċiżmu huwa għal San Mark l-ewwel att pubbliku ta' Ġesù fil-ministeru tiegħu. Ir-rakkont ikompli jirrivela l-identità ta' Ġesù, mgħarrfa mis-sema fil-mument tal-magħmudija tiegħu fix-xmara Ġordan, u hawnhekk mgħajta mill-ispirtu ħażin fis-sinagoga ta' Kafarnahum. Anke l-ispirtu ħażin jagħraf min hu Ġesù. Hu l-qawwi li rebaħ lix-xitan fid-deżert (1:7 13) u żarmalu daru (3:23-27). Dan kollu joħroġ għad-dawl b'mod qawwi l-awtorità ta' Ġesù bħala mgħallem. Mgħallem ta' kelma tant qawwija li n-nies kienet lesta tħalli kollox u timxi warajh. Hija kelma aktar qawwija minn dik tal-kittieba, kelma kapaci teqred il-qawwa tal-ħażin. Hija għalhekk kelma ta' min joqgħod tassew fuqha u li trid tinxtered kullimkien.

*(Ikompli)*



# IR-RABTA TAL-MISSIER U L-IBEN FL-EVANĠELJU SKONT SAN ĠWANN

***Fr Martin Micallef OFMCap***

Waħda mill-mistoqsijiet kbar fl-istudji tal-Evanġelju skont San Ġwann hija jekk għandniex nippruvaw nifhmu dan l-Evanġelju b'mod *Kristoloġiku* jew inkella b'mod *Teoloġiku*. F'kelma oħra, minħabba li dan l-Evanġelju huwa tant iffokat fuq il-preżentazzjoni tal-persuna ta' Ġesù bħala l-Iben ta' Alla, fl-istudju ta' dan l-Evanġelju tibqa' l-mistoqsija jekk għandniex nibdew mill-figura ta' Ġesù biex permezz tiegħu nkunu nistgħu nħarsu lejn il-Missier, jew inkella

għandniex nibdew mill-preżentazzjoni tal-figura ta' Alla l-Missier u l-imħabba tiegħu li ntweriet lilna meta bagħat lill-Ibnu fid-dinja. Dan l-artiklu se jikkonċentra fuq din il-kwestjoni fundamentali fin-narrativa tar-Raba' Evanġelju.

## Il-Missier: Fattur minsi

It-titlu tal-artiklu ta' Nils Dahl: *The Neglected Factor in New Testament Theology*[1] jurina kif dan l-awtur ried iġibna konxji illi filwaqt li ħafna mill-istudji fuq l-Evanġelju skont San Ġwann ikkonċentraw l-aktar fuq il-persuna ta' Ġesù l-Iben ta' Alla bħala dak li jidher li hu l-personaġġ ewlieni tan-narrativa, huma nsew jew warrbu l-figura ta' Alla l-Missier li bagħat lil Ibnu fid-dinja. Ir-raġuni għal dan aktarx li hi d-diffikultà li hemm filli tasal biex tiddeskrivi l-karattru ta' Alla fl-Evanġelju.

Fil-fatt, l-ebda personaġġ li jissemma f'dan l-Evanġelju ma jara l-figura ta' Alla bil-mod kif setgħu jaraw lilll-Iben li sar bniedem bħalna. Mhux biss, imma l-uniċi kliem li Alla l-Missier itenni fir-Raba' Evanġelju huma dawk li nsibu f'12:28: "Dak il-ħin instama' leħen mis-sema: 'Jiena diġà gglorifikajtu, u nerġa' nigglorifikah.'"

Minkejja dan, f'dan l-Evanġelju nsibu 118-il referenza għall-'Missier' u dawn ir-referenzi jitolbu studju indipendenti mill-kelma 'Iben.'[2] Fil-fatt, nistgħu ngħidu li l-figura ta' Alla l-Missier bħala karattru fl-Evanġelju hija kkaratterizzata mhux biss b'dak li huwa jgħid jew jagħmel, iżda wkoll b'dak li Ġesù jgħid dwar il-Missier.

B'dan il-mod irridu naqraw affermazzjonijiet tant sbieħ





li nsibu f'dan l-Evanġelju, bħal li l-Missier iħobb lill-Iben: "Għax il-Missier lill-Iben iħobbu u jurih kull ma jagħmel …" ( Ġw 5:20); "Għalhekk iħobbni l-Missier, għax jien nagħti ħajti …" (10:17); "... ħalli d-dinja tagħraf li inti bgħattni u li ħabbejt lilhom kif ħabbejt lili." (17:23); "Jien għarrafthom ismek u għad ngħarrafhulhom iżjed, biex l-imħabba li biha ħabbejtni tkun fihom u jiena fihom." (17:26)

Affermazzjonijiet oħra qawwija fuq ir-rabta tal-Missier mal-Iben huma dawk li jitkellmu fuq l-awtorità li l-Missier ta lill-Iben sabiex jagħti l-ħajja: "Għax bħalma l-Missier għandu l-ħajja fih innifsu, hekk ukoll ta lill-Iben li jkollu l-ħajja fih innifsu," (5:26); jew li l-Missier jagħti xhieda għall-Iben: "U dak li jagħti xhieda fuqi huwa dak stess li bagħatni, il-Missier," (5:37). Il-Missier huwa dak li "immarka bis-siġill tiegħu" lill-Iben (6:27);[3] u li "ikkonsagra" lill-Iben u bagħtu fid-dinja (10:36);[4] huwa dak li "jagħti ġieħ" lil dawk li jaqdu lill-Iben (12:26).

Ir-rabta' tal-Missier mal-Iben tkompli toħroġ fid-diskorsi ta' Ġesù waqt l-aħħar ċena meta Ġesù jgħid li jekk xi ħadd iħobbu u jħares kelmtu "Missieri jħobbu, u aħna niġu ngħammru għandu." (14:23). Ġesù jgħid ukoll li l-Missier iħobb lid-dixxipli "billi intom ħabbejtu lili u emmintu li jiena ġejt mingħand il-Missier." (16:27).[5]

Minn din il-lista hemm żewġ affarijiet li rridu ninnutaw. L-ewwel, l-azzjonijiet ta' Alla bħala Missier huma kkonċentrati fuq l-Iben tiegħu Ġesù. Dak li l-Missier jagħti u jagħmel, il-Missier jagħti u jagħmlu permezz ta' Ibnu. It-tieni, l-attività ta' Alla l-Missier f'relazzjoni mal-Iben issib l-espressjoni tagħha f'affermazzjonijiet dwar is-setgħa ta' Alla li jagħti l-ħajja.[6]

## Il-Missier li bagħatni

L-imħabba bejn il-Missier u l-Iben hija fil-qalba ta' din ir-relazzjoni. Hekk naqraw f'3:35 "Il-Missier iħobb lill-Iben, u ħalla kollox f'idejh." Hekk ukoll f'5:20 "Għax il-Missier lill-Iben iħobbu u jurih kull ma jagħmel." L-istess naqraw f'10:17 "Għalhekk iħobbni l-Missier, għax jien nagħti ħajti, biex nerġa' neħodha." Filwaqt li f'3:16 Ġesù jitkellem mill-imħabba ta' Alla lejn id-dinja,[7] dan insibuh darba biss, kif darba biss ukoll Ġesù jitkellem mill-imħabba ta' Alla lejn id-dixxipli tiegħu: "Għax il-Missier stess iħobbkom, billi intom ħabbejtu lili …" (16:27). Hekk ukoll ir-Raba' Evanġelista juża vokabularju distint għal dawk li jemmnu f'Ġesù meta jsejħilhom "ulied" - bil-Grieg: *tekna*, filwaqt li meta jitkellem minn Ġesù bħala "Iben" huwa juża l-kelma *huios* bil-Grieg.[8]

B'dan il-mod naraw kif it-tradizzjoni tal-Evanġelju ta' San Ġwann żammet

distinzjoni mhux biss bejn it-terminoloġija użata għal Ġesù bħala *l-Iben* ta' Alla, jew l-*Iben* tal-Missier, u dawk li jemmnu bħala *ulied* Alla, iżda wkoll fit-terminoloġija użata għal Alla kull darba li jintużaw dawn it-termini. Fuq kollox, Ġesù ma jitkellimx fuq "Missierna" iżda fuq "Missieri" u "l-Missier li bagħatni."[9]

Ir-referenzi għall-figura ta' Alla f'dan l-Evanġelju nsibuhom f'forom differenti. Hekk l-espressjoni "il-Missier li bagħatni" [bil-Grieg: *ho pempsas me pater*], insibuha użata daqs tlieta u għoxrin darba, u sbatax-il darba użata bil-verb l-ieħor bil-Grieg: *apostello* [dak li bagħatni]. F'dawn l-espressjonijiet Ġesù hu l-oġġett ta' dawn il-verbi jew azzjoni ta' Alla.[10] Fuq fomm Ġesù, Alla mhux biss huwa msejjaħ b'mod ripetut bħala "il-Missier," iżda wkoll bħala "il-Missier li bagħatni." Din id-deskrizzjoni tenfasizza l-uniċità tar-relazzjoni tal-Iben ma' Alla bħala "il-Missier" b'modi differenti.

L-ewwel u qabel kollox, din l-espressjoni tgħinna naraw il-mod uniku li bih Alla huwa Missier għal Ibnu Ġesù. Alla hu "il-Missier li bagħatni." Meta mbagħad għal Ġwanni [il-Battista] jingħad li kien "mibgħut minn Alla" (1:6), it-titlu ta' "Missier" huwa nieqes għal kollox. L-unika figura oħra li naqraw li hija mibgħuta mill-Missier huwa il-Paraklitu, l-Ispirtu s-Santu (ara 14:26).[11]

It-tieni, il-lingwaġġ użat għall-kelma 'mibgħut' jirrifletti l-idea li l-Iben huwa l-aġent mibgħut mill-Missier sabiex iwettaq il-missjoni afdata lilu. Fil-fatt, l-espressjoni "il-Missier li bagħatni" hija waħda favorita għal dan l-Evanġelista,[12] b'mod illi dan it-tip ta' lingwaġġ wassal biex numru ta' studjużi sejħu l-Kristoloġija ta' San Ġwann bħala *a theology of sending*.[13]

Fir-Raba' Evanġelju, mela, l-enfasi fuq l-Iben bħala 'l-aġent' li hu mibgħut mill-Missier isservi sabiex taqleb l-attenzjoni fuq il-Missier li bagħat lill-Ibnu. L-istess ħaġa nistgħu ngħidu għall-ubbidjenza tal-Iben lejn il-Missier. Filwaqt li dan l-Evanġelista qatt ma juża in-nom 'ubbidjenza' jew il-verb 'tobdi,' huwa kontinwament jitkellem mill-Iben li 'jagħmel ir-rieda tal-Missier.' Filwaqt li jagħmel dan, huwa jenfasizza b'mod drammatiku l-armonija bejn



ir-rieda tal-Iben ma' dik tal-Missier.[14]

## Kristoloġija u Soterjoloġija

L-istampa li r-Raba' Evanġelista jagħtina tal-figura ta' Ġesù Kristu hija bħala il-*monogenes,* "bħala Ibnu l-*waħdieni*" (1:14c), li permezz tiegħu niksbu l-ħajja ta' dejjem. Imma dan l-Iben il-waħdieni ta' Alla nistgħu narawh biss fir-relazzjoni tiegħu ma' Alla l-Missier.[15] Hekk juruna tant siltiet li fihom nisimgħu lil Ġesù stess jitkellem fuq ir-rieda tal-Missier għalih. Hekk, per eżempju, f'10:17-18 Ġesù jgħid: "Għalhekk iħobbni l-Missier, għax jien nagħti ħajti, biex nerġa' neħodha. Ħadd ma jeħodhieli, iżda jiena nagħtiha minn rajja. Għandi setgħa li nagħtiha, u għandi s-setgħa li nerġa' neħodha; din hi l-ordni li ħadt mingħand Missieri."

F'din is-silta, Ġesù jitkellem mill-mewt tiegħu bħala "ordni" jew "kmand" [bil-Grieg: *entole*] li hu rċieva mingħand Missieru; "kmand" li jiġbor fih il-qawmien ukoll (v.18).[16] Minkejja dan, din is-silta tenfasizza wkoll is-sovranità ta' Ġesù li jagħti ħajtu għax irid hu, u mhux għax xi ħadd sfurzah biex jagħmel dan. Fil-fatt, l-enfasi qiegħda fuq l-inizjattiva tal-Iben stess, nota ripetuta f'dawn iż-żewġ versi: "*Jiena* nagħti ħajti"; "iżda *jiena* nagħtiha minn rajja"; "*Jiena* għandi setgħa li nagħtiha"; "*jiena* għandi s-setgħa li nerġa' neħodha."[17]

Huwa b'dan il-mod li Alla hekk ħabb lid-dinja: "Għax Alla hekk ħabb lid-dinja li ta lil Ibnu l-waħdieni, biex kull min jemmen fih ma jintilifx, iżda jkollu l-ħajja ta' dejjem. Għax Alla ma bagħatx lil Ibnu fid-dinja biex jagħmel ħaqq mid-dinja, imma biex id-dinja ssalva permezz tiegħu" (3:16-17). Fir-Raba' Evanġelju s-salvazzjoni li dak li ġie mibgħut mill-Missier jagħti lill-bniedem hija msejħa "il-ħajja [ta' dejjem]." L-Iben ġie sabiex dawk li jemmnu fih ikollhom il-ħajja "u l-ħajja bil-kotra" (10:10).

Ir-Raba' Evanġelista jfisser din 'il-ħajja' bi xbihat u simboli li huma ħerġin minn Alla u mill-imħabba tiegħu għal dawk li jemmnu f'Ibnu Ġesù li huwa bagħat.[18]





Hekk li f'4:14.37-38 dan l-Evanġelista jista' jitkellem minn xmajjar ta' ilma ħaj li Ġesù joffri lil dawk li jemmnu fih. F'6:27.33-35 Ġesù jitkellem mill-ħobż li jwassal għall-ħajja ta' dejjem. F'8:12; 12:46 Ġesù juża x-xbieha tad-dawl li jkeċċi d-dlam tal-mewt. F'11:25-26 Ġesù jitkellem mill-qawmien ta' dawk li huma mejtin, filwaqt li f'14:6 jitkellem minnu nnifsu bħala t-triq.

Ġesù, l-Iben ta' Alla jista' joffri dawn id-doni minħabba r-rabta tiegħu mal-Missier. Dak li Ġesù jgħid fuqu nnifsu u fuq il-missjoni tiegħu bil-mod il-mod jiddefinixxi r-relazzjoni tiegħu mal-Missier filwaqt li fl-istess ħin joħroġ fil-beraħ l-għama ta' dawk li jibqgħu ma jridux jemmnu fih. Dan naraw l-aktar fid-djalogi ta' Ġesù li nsibu f'dan l-Evanġelju u li jagħtu l-impressjoni li Ġesù huwa kontinwament konxju tad-dipendenza tiegħu fuq il-Missier. Il-qofol ta' dan huwa muri f'4:34 meta Ġesù jsejjaħ l-ubbidjenza u allura d-dipendenza tiegħu fuq il-Missier bħala 'ikel': "L-ikel tiegħi hu li nagħmel ir-rieda ta' min bagħatni, u li nwassal fit-tmiem l-opra tiegħu."

Kif rajna, mela, għalkemm l-Evanġelju skont San Ġwann jikkonċentra ħafna fuq il-figura ta' Ġesù, l-Iben ta' Alla li sar bniedem bħalna, l-Iben jibqa' biss "it-triq" li twassal għand il-Missier. F'kelma oħra, l-Evanġelista kontinwament jurina li ma nistgħux nitkellmu mill-Iben jekk mhux f'rabta mal-Missier li bagħtu. Għalhekk filwaqt li Ġesù jgħid li "Jiena u l-Missier aħna ħaġa waħda" (10:30), huwa jistqarr ukoll li "il-Missier hu akbar minni" (14:28), fis-sens illi kien il-Missier li bagħtu sabiex iwettaq ir-rieda tiegħu.

## Referenzi


1 Nils. A. Dahl, "The Neglected Factor in New Testament Theology," in *Jesus the Christ: The Historical Origins of Christological Doctrine,* ed. Donald H. Juel (Minneapolis: Fortress, 1991), 153-163.

2 Ara l-istudju ta' William Loader, *The Christology of the Fourth Gospel: Structure and Issues,* 2nd (Frankfurt: Peter Lang,1992).

3 Fuq it-tifsira ta' Ġw 6:27 fejn naqraw li l-Iben huwa dak li ġie issiġillat mill-Missier, ara l-kumment ta' Rudolf Schnackenburg, *The Gospel According to John,* vol. 2 (London: Burns & Oats, 1980), 37-38.

4 Fuq it-tifsira ta' Ġw 10:36 fejn naqraw li l-Missier ikkonsagra lill-Ibnu, ara

l-kumment ta' J. Ramsey Michaels, *The Gospel of John: The New International Commentary on the New Testament* (Grand Rapids/MI: Eerdmans, 2010), 602-606

5 Fuq it-tifsira tar-rabta bejn il-Missier u l-Iben kif imfissra waqt l-aħħar ċena, ara, Umberto Neri, *L'Addio di Gesù ai Discepoli: Il Discorso della grande consolazione [Gv 13-16]* (Reggio Emilia: Edizioni San Lorenzo, 2001). Ara wkoll Johannes Beutler, *Do Not Be Afraid: The First Farewell Discourse in John's Gospel [Jn 14]* (Frankfurt: PeterLang, 2011).

6 Fuq kif l-Evanġelista jiżviluppa dan il-punt ara, Ignace de la Potterie, "Cristo centro della forma della rivelazione secondo S. Giovanni," in *Studi di Cristologia Giovannea* (Genova: Marietti, 1992), 261-278.

7 Fuq it-trattament tal-kelma 'id-dinja' [bil-Grieg: *kosmos*] fl-Evanġelju skont San Ġwann, ara, John Ashton, *Understanding the Fourth Gospel* (Oxford: Clarendon, 1993), 205-206.

8 Fuq id-differenza fl-użu ta' dan il-kliem f'dan l-Evanġelju, ara, George Mlakuzhyil, *Christocentric Literary-Dramatic Structure of John's Gospel,* Analecta Biblica 117, 2nd (Rome: GBR, 2011), 520-530.

9 Ara, Paul W. Meyer, "'The Father': The Presentation of God in the Fourth Gospel," in *Exploring the Gospel of John: In Honor of D. Moody Smith,* ed. R. Alan Culpepper and C. Clifton Black (Louisville: Westminister, 1996), 255-273.

10 Fuq l-użu differenti ta' dawn il-verbi bil-Grieg fir-Raba' Evangelju, ara, Francis T. Gignac, "The Use of Verbal Variety in the Fourth Gospel," in *Transcending Boundaries: Contemporary Readings of the New Testament,* Biblioteca di Scienze Religiose 187, eds. Rekha M. Chennattu and Mary L. Coloe (Rome: LAS, 2005), 191-200.

11 Għal aktar dettalji ta' kif ir-Raba' Evanġelista jitkellem mill-Ispirtu Qaddis bħala l-mibgħut tal-Missier, ara, Tricia Gates Brown, *Spirit in the Writings of John,* Journal for the Study of the New Testament Supplement Series 253 (London: T&T Clark, 2003).

12 Ara per eżempju, Ġw 5:37; 6:44; 8:16.18; 12:49; 14:24.

13 Ara Mark W. G. Stibbe, "'Return to Sender:' A Structuralist Approach to John's Gospel," in *The Interpretation of John,* ed. John Ashton (Edinburgh: T&T Clark, 1997), 261-278.

14 Ara Martin Micallef, "Christological Insights in the Commentary of the Gospel of St John by Cyril of Alexandria," in *In Joyful and Serene Service of His Lord's Word. In Memory of Rev Dr Joseph Calleja OFMConv,* ed. Anthony Abela, *Melita Theologica,* Supplementary Series 5 (2004): 139-159.

15 Dwar kif din ir-rabta bejn il-Missier u l-Iben hi spjegata permezz tan-narrativa, ara, Craig R. Koester, "Jesus as the Way to the Father in Johannine Theology (John 14:6)," in *Theology and Christology in the Fourth Gospel,* eds. G. Van Belle - J.G. Van Der Watt - P. Maritz (Leuven: Leuven University Press, 2005), 117-134.

16 Fuq it-tifsira tal-kelma 'kmand' [bil-Grieg: *entole*] f'dan il-kuntest ta' Ġw 10:17-18, ara, Andreas J. Köstenberger, *John, Baker Exegetical Commentary on the New Testament* (Grand Rapids/MI: Baker Academic, 2004), 306-308.

17 Ara Jerome H. Neyrey, "Equal to God" (John 5:18) - Jesus and God's Two Powers in the Fourth Gospel," in *The Gospel of John in Cultural and Rhetorical Perspective* (Grand Rapids/MI: Eerdmans, 2009), 172-190.

18 Fuq 'il-ħajja' jew 'is-salvazzjoni' Ġesù l-Iben ta' Alla joffri f'dan l-Evanġelju permezz tal-użu ta' diversi simboli, ara, Dorothy Lee, *Flesh and Glory: Symbolism, Gender and Theology in the Gospel of John* (New York: The Crossroad, 2002).



# IL-MIXJA TA' ĠESÙ NHAR ĦAMIS IX-XIRKA

**_Noel Muscat OFM_**

Wara li Ġesù ċċelebra l-Aħħar Ċena mal-Appostli fiċ-Ċenaklu nhar Ħamis ix-Xirka filgħaxija, l-evanġelisti jgħidulna li hu ħareġ magħhom u mar fuq l-Għolja taż-Żebbuġ, eżattament fil-qasam jismu Ġetsemani, fejn għadda tliet sigħat jitlob fl-agunija u fejn Ġuda wasal mas-suldati tat-Tempju biex jittradixxi lill-Imgħallem, li mbagħad ittieħed lura fil-Belt ta' Ġerusalemm biex jidher quddiem is-Sahedrin u jiġi kkundannat għall-mewt mill-gvernatur Ruman Pilatu.

Illum il-ġurnata mhux daqstant faċli li nsegwu t-triq li ħa Ġesù flimkien mal-Appostli biex miċ-Ċenaklu jinżel fil-Ġetsemani u mbagħad jerġa' lura mill-istess triq arrestat lejn id-dar tal-qassis il-kbir Kajfa, li kienet tinsab fl-istess żona tal-Għolja ta' Sijon, fejn hemm iċ-Ċenaklu. Ir-raġunijiet huma varji. Qabel xejn, il-Belt ta' Ġerusalemm ta' żmien Ġesù kienet testendi aktar 'l isfel mill-ħitan tal-Belt li naraw illum, u kienet tkopri l-għolja tal-Ofel u dik li llum tissejjaħ il-Belt ta' David, in-nukleu antik ta' Ġerusalemm. Mal-medda tas-sekli din iż-żona spiċċat barra mill-Belt ta' Ġerusalemm, u llum hi miksija bini, l-aktar bi djar tal-popolazzjoni ta' Għarab Palestinjani li jgħixu fil-widien taħt Ġerusalemm u fuq ix-xaqliba opposta fir-raħal kbir ta' Silwan. L-iskavi arkeoloġiċi li saru minn Charles Warren fl-1867, u speċjalment minn arkeoloġi Israeljani f'dawn l-aħħar snin, qed jikxfu l-fdalijiet ta' Ġerusalemm ta' żmien David u anke ta' żmien Ġesù. Dawn l-iskavi, iżda, qed isiru b'detriment għad-dritt tal-popolazzjoni lokali li tgħix f'dawn l-inħawi, li għalhekk huma dejjem żoni ta' tensjoni fil-konflitt Israeljan-Palestinjan. Minkejja dan, u minkejja li l-pellegrini qajla jersqu lejn dawn l-inħawi, ż-żona hi ta' interess kbir arkeoloġiku u bibliku, għax timmarka tifkiriet li jorbutha mal-Evanġelji u mal-preżenza ta' Ġesù u l-Appostli.

## Il-mixja ta' Ġesù miċ-Ċenaklu għall-Ġetsemani

L-Evanġelji jgħidulna li, wara l-Aħħar Ċena, Ġesù mar mal-Appostli lejn qasam jgħidulu Ġetsemani. San Ġwann 18,1 hu aktar speċifiku meta jgħidilna: "Ġesù ħareġ mad-dixxipli tiegħu u qasam għan-naħa l-oħra tal-Wied tal-Kedron; hemmhekk kien hemm ġnien u daħal fih flimkien

*Dehra ta' Silwan*



mad-dixxipli tiegħu." Il-post tal-"kamra ta' fuq" jew taċ-Ċenaklu jinsab fix-xaqliba tal-punent ta' Ġerusalemm, illum barra mill-ħitan, fuq l-Għolja ta' Sijon, f'għoli ta' 785 metru fuq il-livell tal-baħar, filwaqt li l-Ġnien taż-Żebbuġ jinsab fil-qiegħ tal-Wied ta' Kidron (Wied ta' Ġosafat) f'għoli ta' 719-il metru fuq il-livell tal-baħar. F'distanza pjuttost qasira hemm dislivell kbir ta' kważi 70 metru. Mela Ġesù niżel lejn il-Wied tal-Kedron, billi ġibed direttament taħt l-Għolja tat-Tempju. Ma nafux it-triq li ħa Ġesù, imma ftit 'l isfel mill-Għolja ta' Sijon, maġenb is-Santwarju ta' San Pietru in Gallicantu, wieħed jista' jara l-fdalijiet ta' taraġ maqtugħ fil-blat, li jindika li kienet triq li tinżel fuq ix-xaqliba wieqfa tal-wied, mill-parti għolja tal-Belt lejn il-post fejn jiltaqgħu flimkien il-Wied tal-Kedron u l-Wied ta' Tyropeion, eżattament maġenb il-Menqgħa ta' Silwam.

Sal-lum il-ġurnata, wieħed jista' jinżel minn triq li, minn quddiem il-Bieb tad-Demel li jagħti għall-Ħajt tal-Punent, twasslek fil-Menqgħa ta' Silwam. Din il-menqgħa llum tidher biss bħala parti żgħira minn menqgħa li kienet wisq akbar fi żmien Ġesù. Il-menqgħa tissemma fil-kapitlu 9 ta' San Ġwann, fl-episodju li fih Ġesù jfejjaq raġel imwieled għama billi



*Daħla tan-Nixxiegħa tal-Gihon*

jidliklu għajnejh bit-tajn u jgħidlu: "Mur inħasel fil-menqgħa ta' Silwam" (Ġw 9,7). Fl-2004 arkeoloġi Israeljani kifxu sensiela ta' taraġ maġenb il-fdal tal-menqgħa, u skont huma dan jindika l-vera Menqgħa ta' Silwam, li kienet tirċievi l-ilmijiet tan-nixxiegħa tal-Giħon, l-unika nixxiegħa ta' Ġerusalemm. Din il-menqgħa hi magħrufa mill-Għarab lokali bħala *Birket al-Ħamra*, u ftit 'l isfel minnha hemm għajn oħra li tissejjaħ *Ain Roghel*. Din iż-żona għandha importanza fil-Bibbja, għax timmarka l-post li fih Salamun ġie midluk re (1Slaten 1,38), u fejn Isaija wassal il-profezija tal-Għimmanu-El lir-re Aħaż (Is 7,10-14). Għalkemm illum il-Menqgħa ta' Silwam hi żgħira, tidher li hi fdal ta' binja ħafna akbar. Għadhom jidhru fdalijiet ta' kolonni, li kienu jappartjenu x'aktarx għal bażilika kbira Biżantina li kienet bniet fuq il-menqgħa l-Imperatriċi Ewdoċja fis-sena 450 u li nqerdet fl-invażjoni tal-Persjani fis-sena 614.

Mill-Menqgħa ta' Silwam, li tat l-isem ukoll lir-raħal Għarbi ta' Silwan li hemm faċċata taħt l-Għolja tal-


*Il-Plier ta' Assalonne*

Iskandlu, t-triq tibqa' nieżla lejn *Ain Roghel* u l-qiegħ tal-wied li jkompli lejn id-deżert bl-isem ta' Wadi Nar sa ma jispiċċa fil-Baħar il-Mejjet. It-triq tibda wkoll tiela' fuq ix-xaqliba l-oħra, lejn il-parti aktar għolja tal-Wied tal-Kedron. Kienet din it-triq li ħadu Ġesù u l-Appostli nhar Ħamis ix-Xirka, meta marru fil-Ġetsemani.

It-triq tgħaddi mill-wied bil-Belt ta' David fuq naħa u r-raħal ta' Silwan fuq l-oħra. Din iż-żona fi żmien Ġesu kienet tinsab fil-ħitan tal-Belt, u kienet timmarka l-aktar parti baxxa ta' Ġerusalemm.

Kienet importanti għaliex hawnhekk, kif għidna, hemm l-unika nixxiegħa ta' ilma ġieri ta' Ġerusalemm, l-Għajn tal-Giħon. Id-daħla ta' din in-nixxiegħa tinsab ftit aktar 'il fuq fil-wied, taħt il-Belt ta' David. Illum mhux aktar permess li wieħed jidħol fin-nixxiegħa, li tinsab taħt l-art, minn dan il-post, imma wieħed irid jasal għaliha billi jidħol fis-sit arkeoloġiku msejjaħ *City of David* li jinsab fil-għoli. Mhux possibbli nidħlu hawnhekk fid-dettalji dwar din in-nixxiegħa importanti. Ngħidu biss li, minn studji dejjem aktar approfonditi, jirriżulta li l-ħażna ta' ilma ta' Ġerusalemm kienet prezzjuża u li matul is-sekli saru bosta tentattivi biex l-ilma jasal fil-Belt minn din in-nixxiegħa naturali, li taħt l-art tiġbor l-ilma ġieri li jinżel minn serje ta' għerien u xquq fil-blat taħt it-tramuntana ta' Ġerusalemm. Fi żmien Isaija l-ilma ta' din in-nixxiegħa kien jittieħed permezz ta' kanal maġenb il-muntanja tal-Belt ta' David, lejn il-"Ġnien tas-Sultan". Kien ir-re Eżekija li, lejn tmiem is-seklu 8 q.K. iddeċieda li jdaħħal l-ilma tal-kanal tal-Giħon fil-Belt, biex f'każ ta' assedju, l-abitanti ta' Ġerusalemm ma jmutux bil-għatx. Biex għamel dan tħaffret mina taħt il-muntanja, twila madwar nofs kilometru, li twassal l-ilma tal-Giħon lejn il-Menqgħa ta' Silwam, u hekk l-ilma jinħeba taħt l-art u ma jkunx milqugħ mill-għedewwa. Tassew biċċa inġinerija stupenda fi żmien hekk bikri!

Nistħajlu lil Ġesù u lill-Appostli għaddejin maġenb in-nixxiegħa tal-Giħon, li jekk wieħed jinżel qrib tagħha mit-taraġ li jitlaq mill-wied għadu jisma' l-ħoss tal-ilma li jfur fin-nixxiegħa taħt l-art. Ġesù mbagħad kompla triqtu min-nekropoli li għadha tidher sal-lum fil-Wied tal-Kedron, u ra b'għajnejh l-istess monumenti funebri li għadhom jidhru sal-lum, maqtugħin fil-blat fuq ix-xaqliba ta' Silwan, u li huma datati għall-epoka

tal-Asmonej, xi seklu q.K. Fuq ix-xellug tiegħu, filgħoli fuq il-muntanja, Ġesù kellu l-pinnaklu tat-Tempju, l-angolu tal-ħitan tat-Tempju ta' Erodi li jixref direttament fuq il-Wied. Dan il-pinnaklu jissemma fl-Evanġelju bħala wieħed mill-postijiet li fihom ix-xitan ittanta lil Ġesù billi stiednu jinxteħet għal isfel mill-għoli (Mt 4,5-7; Lq 4,9-12). Il-monumenti funerarji fuq in-naħa l-oħra jingħataw ismijiet marbutin ma' persunaġġi bibliċi, għalkemm mhux veru li dawn huma midfunin hawn. Huma jinkludu l-plier ta' Assalonne, il-qabar ta' Ġosafat, il-qabar tal-profeta Żakkarija, il-qabar ta' ulied Ħeżir (familja saċerdotali li tissemma f'1Kron 24,15), jew inkella ta' San Ġakbu, "ħu l-Mulej", li kien l-ewwel isqof ta' Ġerusalemm u li ġie mmartirizzat fis-sena 63 w.K. billi waddbuh mill-pinnaklu tat-Tempju għal isfel. X'aktarx li Ġesù kien irrefera għal dawn l-oqbra meta f'Mt 23,29-30 ikkundanna lill-Fariżej li bnew l-oqbra lill-profeti li missirijiethom qatlu.

Minn hemm it-triq fil-Wied tal-Kedron twassal proprju fil-qasam tal-Ġetsemani, li jinsab taħt l-Għolja taż-Żebbuġ. L-isem *Gat-shemanim*, bil-Lhudi jfisser "magħsar taż-żebbuġ". Din iż-żona kienet mimlija siġar taż-żebbuġ u f'dan il-qasam kien jingħasar u jiġi prodott iż-żejt. Kien hemm bosta għerien mal-ġenb tal-għolja, ftit 'il fuq mill-qiegħ tal-wied, u Ġesù x'aktarx li kien jinġabar f'xi wieħed minnhom mal-Appostli u jgħaddu hemm il-lejl. Sal-lum il-ġurnata l-Franġiskani tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa għadhom iħarsu għar li jissejjaħ "Għar tal-Appostli", li fih hemm fdalijiet ta' abitazzjonijiet antiki u x'aktarx kien parti minn magħsar taż-żejt, u fejn fl-epoka Biżantina kien isir id-dfin (mela kien meqjus bħala post qaddis). Kien dan l-għar li fih, skont it-tradizzjoni, ġie Ġuda biex jarresta lil Ġesù. Il-fatt li dan kien għar familjari għal Ġesù u d-dixxipli nafuh minn San Ġwann 18,2: "Ġuda, dak li ttradih, kien jafu l-post, għax Ġesù kien sikwit jinġabar hemm mad-dixxipli tiegħu."

L-Evanġelji jgħidulna wkoll li "Ġesù tbiegħed minnhom daqs tefgħa ta' ġebla u nxteħet fl-art għarkupptejh jitlob" (Lq 22,41). Mela dan jispjega għaliex il-blata tal-agunija u s-siġar taż-żebbuġ li jfakkru fl-agunija ta' Ġesù huma meqjuma fil-Bażilika tal-Ġetsemani, li tinsab ftit aktar fil-għoli f'distanza ta' "tefgħa ta' ġebla" mill-għar li fih kienu jinġabru Ġesù u l-Appostli.

## Il-mixja ta' Ġesù mill-Ġetsemani għad-dar ta' Kajfa

Wara li Ġuda ittradixxa lil Ġesù u dan ġie arrestat fil-Ġetsemani, l-Evanġelisti jgħidulna li s-suldati ħadu lil Ġesù fid-dar ta' Kajfa, l-qassis il-kbir. San Ġwann hu aktar espliċitu meta jgħidilna li lil Ġesù l-ewwel ħaduh għand Anna, missier il-mara ta' Kajfa (Ġw 18,13) u mbagħad dan bagħat lil Ġesù għand Kajfa, l-qassis il-kbir (Ġw 18,24). Ġwanni jqiegħed iċ-ċaħdiet ta' Pietru f'dawn iż-żewġ postijiet, hekk li Pietru jiċħad darba lil Ġesù għand Anna u mbagħad jerġa' jiċħdu darbtejn għand Kajfa.

Nafu li l-palazzi u d-djar ta' nies għonja f'Ġerusalemm ta' żmien Ġesù kienu jinsabu



*Fdalijet Kruċjati tad-Dar ta' Kajfa għand l-Armeni*

fuq ix-xaqliba għolja li tħares lejn it-Tempju mill-punent, l-hekk imsejħa "belt għolja". Din kienet tikkorrispondi għaż-żona attwali tal-Għolja ta' Sijon u tal-Kwartier Armen. Hu f'din iż-żona li rridu nfittxu d-dar ta' Kajfa, l-qassis il-kbir, fejn Ġesù ġie meħud matul il-lejl bejn Ħamis ix-Xirka u l-Ġimgħa l-Kbira, u fejn deher quddiem is-Sanhedrin, il-kunsill tal-anzjani, qabel ma dawn iddeċidew li jeħduh għand Pilatu l-gvernatur biex jikkundannawh għall-mewt.

L-għassiesa tat-Tempju ħadu lil Ġesù marbut mill-Ġetsemani u reġgħu niżżluh mit-triq tal-qiegħ tal-Wied tal-Kedron sal-Menqgħa ta' Silwam, minn fejn imbagħad tibda tiela' t-triq wieqfa lejn il-parti għolja ta' Ġerusalemm. Għalkemm illum il-ġurnata ma nafux eżattament minn fejn kienet tgħaddi din it-triq, diġà għidna li, barra l-Knisja ta' San Pietru in Gallicantu, li tiġi eżatt fuq Silwam u ftit 'l isfel mill-Għolja ta' Sijon, hemm taraġ antik maqtugħ fil-blat, li jista' jindika waħda mit-telgħat weqfin li, mill-wied kienet twassal fil-belt. Fil-fatt, il-Knisja ta' San Pietru in Gallicantu hi wieħed mill-postijiet indikati bħala l-"ħabs" li fiha inżamm Ġesù fil-lejl ta' Ħamis ix-Xirka qabel ma ttieħed għand Pilatu. Il-fdalijiet Biżantini taħt il-knisja jindikaw serje ta' għerien imħaffrin fil-blat, li fosthom hemm ukoll ħofra fonda, li skont it-tradizzjoni kienet il-"ħabs" ta' Ġesù, u li fil-blat tagħha nstabu pitturi ta' slaleb li jindikaw li l-post kien meqjum mill-ewwel sekli. Hemm anke fdalijiet ta' monasteru fil-qrib. Naturalment, għalkemm dan hu santwarju għażiż li jżuruh ħafna pellegrini, l-valur ta' dan il-post bħala d-dar ta' Kajfa, il-"ħabs" ta' Ġesù u l-post fejn Pietru ċaħad lill-Imgħallem, għandu valur devozzjonali, imma mhux daqstant arkeoloġiku. Hu diffiċli li nimmaġinaw li kien hemm żmien li fih Ġesù inqafel fil-"ħabs" matul dak il-lejl, għax jekk inqabad fil-Ġetsemani tard bil-lejl nhar il-Ħamis ix-Xirka u s-Sanhedrin iltaqa' kmieni filgħodu l-Ġimgħa, u jekk inqisu ż-żmien li fih Ġesù kellu jerġa' jittella' lura marbut fil-Belt, ftit jifdal ħin biex, effettivament, kellu jistenna f'xi "ħabs". Intant, xorta jibqa' l-fatt li dan il-post jikkorrispondi tajjeb maż-żona li fiha setgħet kien hemm id-dar ta' Kajfa, u minn fejn Ġesù għadda meta ttella' mill-Ġetsemani.

Post ieħor fil-qrib, li x'aktarx għandu tradizzjoni aktar qawwija, jinsab qrib iċ-Ċenaklu aktar 'il fuq, proprju maġenb il-Bieb ta' Sijon. Dan hu s-santwarju li hu f'idejn l-Armeni Ortodossi, fejn hemm knisja li qatt ma nbniet b'mod komplut, imma li timmarka l-post fejn il-Kruċjati kienu bnew il-Knisja tas-Salvatur, li kienet tfakkar proprju l-post tad-dar jew palazz ta' Kajfa. L-Armeni ħadu f'idejhom dan il-post fl-1335. Għalkemm ma hemmx xi tifkiriet speċjali, imma hemm kappella li fiha jiġi meqjum il-post fejn Ġesù nżamm marbut bil-lejl qabel deher quddiem is-Sanhedrin. Dan il-post jinsab ukoll fil-parti għolja tal-Belt u jikkorrispondi mal-fatti storiċi tal-preżenza ta' familji nobbli f'dan il-kwartier. Jekk imbagħad wieħed jaċċetta t-teżi tal-istudjużi Dumnikani tal-École Biblique ta' Ġerusalemm, li jqiegħdu l-Pretorju ta' Pilatu fil-palazz ta' Erodi, mela f'dik li llum tissejjaħ iċ-Ċittadella, fil-Bieb ta' Ġaffa, u mhux fil-fortizza Antonia, qrib it-Tempju, kif isostnu l-Franġiskani tal-i*Studium Biblicum Franciscanum*, il-fatt li Ġesù ittieħed f'din iż-żona tal-Belt jidher tassew possibbli, kien fejn kien il-Pretorju tal-Gvernatur Pilatu.

Bħala tifkira tal-mixja ta' Ġesù lejn il-Passjoni, nhar Ħamis ix-Xirka bil-lejl, wara li tintemm l-Ora Santa tal-Ġetsemani, il-Franġiskani jorganizzaw pellegrinaġġ lejn il-Knisja ta' San Pietru in Gallicantu, biex hemmhekk ifakkru l-ġrajjiet ta' dak il-lejl traġiku li fih Kristu ġie meħud bħal ħaruf għall-qatla, meta quddiem Kajfa ippreżenta lilu nnifsu bħala Bin il-bniedem li għad jiġi fuq is-sħab tas-sema.

**Ġedded l-Abbonament tiegħek**

# L-ART Imqaddsa
RIVISTA BIBLIKA

## Tiġdid
## L-Art Imqaddsa
## 2018




# ABBONAMENT:

## €10 fis-sena
## €15 jew aktar Sostenitur

**Toħroġ kull 3 xhur**

**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

*Jekk irċevejt ir-Rivista b'xejn għaliex ġejt l-Art Imqaddsa mal-Franġiskani, ħallas l-abbonament biex tkompli tirċiviha.*

Kunjom ______________________

Isem ______________________

Indirizz ______________________

______________________

______________________

Kodiċi Postali ______________________

Qed nibgħat € ______________
bħal abbonament għall-2018



# Pellegrinaġġi Franġiskani 2018

**Ikteb jew ċempel:**
**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**


8, Triq Santa Luċija,
Valletta VLT 1213, Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt


## Art Imqaddsa

07 - 15 Mejju

Għaż-Żgħażagħ 02 - 10 Lulju

*Imexxi l-pellegrinaġġ Mons Arċisqof Charles J. Scicluna*

12 - 20 Lulju

20 - 28 Awwissu

13 - 21 Settembru

## Art Imqaddsa *Extra*

04 - 14 Novembru

## Assisi

23 Ġunju - 1 Lulju

15 - 23 Settembru